Moviment ta' Kana

# GRUPPI FAMILJI NSARA

## SKEMI għall-Għarajjes u Miżżewġin Ġodda



Moviment ta' Kana

# GRUPPI FAMILJI NSARA

## SKEMI għall-Għarajjes u Miżżewġin Ġodda

Dan il-ktieb hu ppubblikat mill-Kumitat Ċentrali tal-Gruppi Familji Nsara fi ħdan il-Moviment ta' Kana. Ħajr lil dawk kollha li taw sehemhom fit-tħejjija tiegħu.

Disinn: Box Design - ram@box-design.net
Stampar: Gutenberg Press



# Werrej


| | | |
|---|---|---|
| Introduzzjoni | | 5 |
| Inkunu xhieda ħajja tal-imħabba ta' Alla meta ngħixu s-sejħa tagħna fiż-żwieġ | | 8 |
| Ħanina bħall-Missier | | 10 |
| Irtir Gruppi Familji Nsara | | 12 |
| Għajnuna għall-animazzjoni tal-iskemi fil-grupp | | 19 |
| Skema 1 | L-Imħabba taf tistabar u tħenn | 23 |
| Skema 2 | L-Imħabba mhijiex għajjura | 27 |
| Skema 3 | L-imħabba ma tintefaħx biha nfisha | 31 |
| Skema 4 | L-imħabba ma titkabbarx fuq l-oħrajn | 35 |
| Skema 5 | L-imħabba ma tagħmilx dak li mhux xieraq | 39 |
| Skema 6 | L-imħabba ma tfittixx dak li hu tagħha | 43 |
| Skema 7 | L-imħabba - xejn ma tinkorla | 47 |
| Skema 8 | L-imħabba ma żżommx f'qalbha għad-deni | 51 |
| Skema 9 | L-imħabba ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità | 57 |
| Skema 10 | L-imħabba kollox tagħder, kollox temmen | 61 |
| Skema 11 | L-imħabba kollox tittama, kollox tissaporti | 65 |
| Skema 12 | L-imħabba ma tintemm qatt | 69 |
| Kumitat Ċentrali | | 76 |
| Talba tal-Bidu | | 79 |
| Talba tal-Għeluq | | 80 |



“Niskopru mill-ġdid l-opri tal-ħniena korporali u spiritwali.”

Il-Papa Franġisku



# Introduzzjoni

Marija, tifla ta’ sitt snin, kienet għall-ikel għand il-ħabiba tagħha. Qabel ma omm il-ħabiba bdiet issajjar staqsietha jekk kenitx tħobb il-ħaxix moqli. Bl-edukazzjoni kollha Marija wieġbet: “Iva, inħobbu.” Meta poġġew madwar il-mejda u qalu t-talb, l-omm bdiet iddawwar l-ikel u meta l-iskutella bil-ħaxix waslet quddiem Marija hi għaddietha lil ta’ ħdejha mingħajr ma ħadet xejn. Minnufih, omm il-ħabiba qaltilha: “Mela ma tħobbux il-ħaxix moqli?” Bil-prudenza kollha Marija wieġbet, “Iva nħobbu, imma mhux biżżejjed li nieklu.”

Tħobbhom lil tal-familja? Kulħadd iwieġeb iva, u hekk għandu jkun. Imma x’nifhmu bil-kelma mħabba. Ħafna drabi nħobbu lil tal-familja u l-proxxmu tagħna bħalma Marija tħobb il-ħaxix; inħobbu fl-astratt, nieqfu jew naħarbu meta tiġi l-okkażjoni biex nuru l-imħabba tagħna fil-prattika. Kif jgħid San Ġwann, aħna nħobbu biss bil-kliem, mhux bl-għemil u l-verità (ara 1 Ġw. 3, 18).

Kif għandha tkun l-imħabba? Fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin, San Pawl jagħtina deskrizzjoni ta’ kif wieħed għandu jgħix l-imħabba. Jibda l-kantiku tal-imħabba billi jgħidilna li l-imħabba taf tistabar u tħenn, u jkompli b’lista ta’ ħmistax-il verb ta’ x’tagħmel persuna li tħobb. Hawn irridu nagħmlu żewġ punti. L-ewwel hu li San Pawl ma jużax nomi biex jiddeskrivi l-imħabba, imma verbi. Għalhekk

l-imħabba mhux xi ħaġa astratta, fl-ajru, imma l-imħabba tissarraf f'azzjoni, f'għemil. It-tieni punt hu dwar il-ħniena, is-suġġett tant għal qalb il-Papa Franġisku u li din is-sena qed ngħixu fil-Ġublew tal-Ħniena. B'dawn iż-żewġ ħsibijiet u x-xewqa tal-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna, f'dawn l-iskemi ser nirriflettu u niddiskutu l-Kantiku tal-Imħabba ta' San Pawl (1 Kor. 13, 4-8) u l-Bolla tal-Indizzjoni tal-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena *Misericordiæ Vultus* (Wiċċ il-Ħniena [tal-Missier]) li l-Papa Franġisku tana fil-11 t'April 2015. F'xi skemi partikulari ser inkunu qed naraw kif familji, kemm Bibliċi kif ukoll sekulari, għexu l-imħabba u l-ħniena. Illum, il-





Knisja tippreżentalna dawn il-persuni bħala eżempji Qaddisa. Hemm ħafna aktar familji eżemplari u qaddisa li mhux imsemmija f'dawn l-iskemi u nħeġġukom tesplorawhom u timitawhom.

Tema li jsemmi l-Papa Franġisku fil-bolla *Misericordiæ Vultus*, (ara MV 15, 2 – it-tieni paragrafu tal-ħmistax-il sezzjoni) hi dik tal-Opri tal-Ħniena. Il-Papa jgħidilna:

*Hi xewqa kbira tiegħi li l-poplu Nisrani matul il-Ġublew jirrifletti fuq l-opri tal-ħniena korporali u spiritwali. Dan ikun mod kif nerġgħu nqajmu l-kuxjenza tagħna spiss rieqda quddiem it-traġedja tal-faqar u biex nidħlu dejjem iżjed fil-qalba tal-Evanġelu, fejn il-foqra huma l-ipprivileġġjati tal-ħniena divina. Il-predikazzjoni ta' Ġesù tqegħdilna quddiem għajnejna dawn l-opri tal-ħniena biex nistgħu nifhmu jekk aħniex ngħixu jew le bħala dixxipli tiegħu. Niskopru mill-ġdid l-opri tal-ħniena korporali: nitimgħu lil min hu bil-ġuħ, nisqu lil min hu bil-għatx, inlibbsu lil min hu għarwien, nilqgħu lil min hu bla dar, inżuru lill-marid, inżuru lill-ħabsi, nidfnu lill-mejtin. U ma ninsewx l-opri tal-ħniena spiritwali: nagħtu parir tajjeb lill-ħosbien, ngħallmu lil min ma jafx, inwiddbu lill-midneb, infarrġu lill-imnikket, naħfru l-ħtijiet, nistabru b'min idejjaqna, nitolbu 'l Alla għall-ħajjin u għall-mejtin.*

Nittamaw li l-iskemi jkunu ta' għajnuna għall-gruppi biex jilħqu l-għan ewlieni tagħhom: li jitqaddsu l-membri u fuq ix-xewqa tal-Papa u l-Arċisqof tagħna aħna nkunu xhieda tal-ħniena tal-Missier. Fl-aħħar nitolbukom tibagħtu suġġerimenti jew kummenti tagħkom dwar l-iskemi fuq l-email: **kummisjoni-formazzjoni@gfnmalta.org.**

**Il-Kummissjoni Formazzjoni**

Il-Kummissjoni Formazzjoni hi ffurmata minn James u Marica Chappell, Dun Karm Mercieca, Joseph u Melissa Anne D'Emanuele, George u Pauline Cassar, u Frank Mifsud. Ta wkoll is-sehem tiegħu Godfrey Scicluna.

# Inkunu xhieda ħajja TAL-IMĦABBA TA' ALLA meta ngħixu s-sejħa tagħna fiż-żwieġ



Din hija s-sejħa tal-Gruppi Familji Nsara, li huma l-fergħa ewlenija tal-Moviment ta' Kana.

Imwaqqfa fl-1971, il-Gruppi Familji Nsara jinsabu kważi f'kull parroċċa u joffru mixja ta' formazzjoni spiritwali mibnija fuq il-bżonnijiet u r-rejaltajiet tal-familja llum. Fil-laqgħa ta' kull xahar il-Grupp jesplora tema partikolari kif imfassla fuq il-ktieb SKEMI, u kif il-kelma ta' Alla ddawalna f'dik iċ-ċirkustanza. SKEMI jkun ippubblikat kull sena, dejjem b'suġġetti ta' laqgħat differenti mmirati għall-familja u l-ħajja miżżewġa.

Din il-verżjoni ta' SKEMI hija ntenzjonata għalikom il-koppji għarajjes u miżżewġin friski li, wara l-Kors għat-Tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani, magħruf bħala l-Kors ta' Kana, turu x-xewqa li tibqgħu tiltaqgħu fi grupp u hekk tkomplu l-mixja ta' formazzjoni li tkunu bdejtu flimkien. Hekk din il-verżjoni għandha sservikom biex għada pitgħada intom ukoll issiru parti mill-Gruppi Familji Nsara; jew billi tingħaqdu ma xi Grupp eżistenti (jista' jagħti l-każ fil-parroċċa tagħkom stess), inkella billi l-grupp ta' koppji li qegħdin tiltaqgħu tibdew issegwu l-programm normali tal-Gruppi wara li tkunu utilizzajtu dan il-ktieb.

Din il-verżjoni ta' SKEMI tħares lejn żewġ realtajiet taż-żwieġ: l-IMĦABBA u l-ĦNIENA. Ilkoll naqblu li l-familja hija għal qalb kulħadd, għax kulħadd jaf il-bidu tiegħu minn xi tip ta' familja. U għax hija għal qalb kulħadd, u għax il-ġid komuni jiddependi minnha li tkun b'saħħitha, il-familja tibqa' żżomm l-attenzjoni sħiħa tul kull żmien u f'kull ċirkustanza. Minkejja l0isfidi li s-soċjetà dejjem iġġib magħha, ix-xewqa tal-bniedem għal familja soda tibqa' dejjem hemm.

X'deskrizzjoni isbaħ tal-imħabba nistgħu nsibu minn dak li kiteb San Pawl fl-ewwel ittra lill-Korintin? Kantiku mill-isbaħ li jiddeskrivi l-imħabba u l-virtijiet diversi tagħha sal-anqas dettal. Riċetta dettaljata ta' kif il-koppja għandha tesprimi dan is-sentiment qaddis lejn xulxin. Hekk jagħmlu ħafna. U wħud saħansitra jħallu din l-imħabba twassalhom għall-qdusija. Fi SKEMI ser niltaqgħu ma' personaġġi minn dawn ukoll, bħala xhieda tal-imħabba li għexu f'ħajjithom.

Jekk tħobb, turi ħniena; San Pawl stess jgħidilna fil-kantiku tiegħu li "l-imħabba taf tistabar u tħenn" (13:4). Is-sena 2016, is-sena li fih ġie ppublikat dan il-ktieb, kienet is-sena tal-Ġublew tal-Ħniena. Il-Gruppi Famlji Nsara qed inħarsu lejn dawn iż-żewġ pedini mportanti fil-ħajja tan-Nisrani, l-imħabba u l-ħniena, biex permezz tagħhom inwasslu biex nagħmlu differenza tanġibbli fis-soċjetà tagħna. Huwa għalhekk li fit-tmiem tal-laqgħa ta' kull xahar, inħeġġukom biex kemm bħala Grupp kif ukoll fuq bażi individwali ta' koppja, tieħdu inizjattivi partikolari. Il-metodu wżat mill-Gruppi Familji Nsara huwa Ara, Qis u Agħmel. Li "tara" u "tqis" huwa importanti. Iżda n-Nisrani ma jistax jieqaf hemm u għalhekk issir l-istedina biex "jagħmel" id-differenza.

*"Qasba mgħelgla ma jiksirhiex, u musbieħ inemnem ma jitfiehx, sa ma jwassal il-ġustizzja għar-rebħa (Matt. 12:20).* Mons Arċisqof Charles J. Scicluna, dak inhar Isqof Awżiljarju, fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 2014 tal-Gruppi Familji Nsara kien irrefera għal din is-silta u għamlilna l-istedina biex kull wieħed u waħda minna nkunu dak il-musbieħ. U għax il-Mulej dak il-musbieħ waħdieni ma jitfiehx, ħafna msiebaħ żagħar iwasslu biex idawlu l-madwar tagħhom.

Ejja nagħtu widen għal din l-istedina. Ejja nuru ħniena mal-proxxmu kollu tagħna. Ejja ngħixu l-imħabba permezz tas-sejħa tagħna għaż-Żwieġ Nisrani, biex verament inkunu xhieda ħajja tal-imħabba ta' Alla.

Dan huwa l-awgurju tagħna lilkom.

**James u Marica Chappell**
**Koppja President**

# Ħanina bħall-Missier

## Għeżież,

Jekk hemm idea li fuqha l-Papa Franġisku jinsisti, din hija l-ĦNIENA... il-ħniena t'Alla lejna midinbin u l-ħniena tagħna lejn l-oħrajn.



U għalhekk ħadd ma skanta meta huwa ħabbar il-ĠUBLEW TAL-ĦNIENA li beda fit-8 ta' Diċembru 2015, festa tal-Immakulata Kunċizzjoni u l-50 anniversarju minn tmiem il-Konċilju Vatikan II, u se jispiċċa fl-20 ta' Novembru 2016, festa ta' Sidna Ġesù Kristu Sultan tal-ħolqien kollu.

*ĦNIENA*... Kemm għandha ħlewwa l-kelma "ħniena"! Jekk din il-kelma, fiha nfisha, hi kollha ħlewwa, kemm aktar hi kollha ħlewwa l-ħniena fiha nfisha? Ma kienx biss inkonnessjoni mal-Ġublew tal-Ħniena li l-Papa tkellem fuq il-ħniena u speċjalment fuq il-ħniena t'Alla. Sentenza li l-Papa ġieli rrepeta fid-diskorsi tiegħu tal-bidu u li mbagħad kitibha fl-Eżortazzjoni tiegħu *Il-Ferħ tal-Vanġelu* hija din: *"Alla ma jegħja qatt jaħfer; aħna li negħjew nitolbuh iħenn għalina."* Il-Papa ma jehdiex jinsisti fuq il-ħniena t'Alla lejna wliedu. Iżda l-Papa ma jiqafx hemm; il-Papa jinsisti wkoll fuq il-ħniena li, fuq l-eżempju tal-Missier, aħna għandna nuru bejnietna: *"Il-Knisja trid tkun il-post tal-ħniena mogħtija b'xejn, fejn kulħadd jista' jħossu milqugħ, maħbub, maħfur u mħeġġeġ jgħix skont il-ħajja tajba tal-Vanġelu."*

Għalhekk bir-raġun kollu, il-Papa għażel bħala motto għal din is-sena: Ħanina bħall-Missier. (ara Lq. 6, 36) Dan il-motto, jgħidilna l-Papa, huwa



*programm ta' ħajja impenjattiv imma daqstant ieħor mogħni bil-ferħ u l-paċi.* Tajjeb hawnhekk nirreferu għall-**opri tal-ħniena** (huma 14, 7 li jmissu l-ġisem u 7 li jmissu r-ruħ) li l-Papa jissuġġerilna li għandna nippruvaw inpoġġu fil-prattika tagħna ta' kuljum.

Dan kollu aħna **nistgħu** u **għandna** ngħixuh fil-familji tagħna... bejn il-koppja, bejn ġenituri u wlied u ma' oħrajn. Wara kollox, il-familja hija ċ-ċellola bażika mhux biss tas-soċjetà iżda wkoll tal-Knisja. Is-suġġett magħżul fl-iskemi għal din is-sena għandu jgħinna biex dan nagħmluh. Il-ħniena tiġi murija fl-imħabba ta' bejnietna. Ir-riflessjoni tagħna matul din is-sena fuq il-kwalitajiet tal-imħabba li jagħtina l-Appostlu Pawlu fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin, kapitlu 13, versi 4 sa 8, għandha tgħinna biex ngħixu din is-sena tal-ħniena b'mod li jħalli frott kbir fina u f'dawk kollha ta' madwarna, fil-familja, fil-parroċċa, fis-soċjetà li fiha ngħixu.

Tkun it-talba tagħna matul din is-sena dik li tana l-Papa nnifsu għal din is-sena:

*"Mulej Ġesù Kristu, int għallimtna nħennu bħalma ħanin hu Missierna tas-sema, u għedtilna li min jara lilek jara lilu: urina wiċċek u nkunu salvi... Int il-wiċċ li jidher tal-Missier li ma jidhirx; ta' Alla u li juri s-setgħa tiegħu fuq kollox bil-maħfra u l-ħniena: agħmel li l-Knisja tkun fid-dinja l-wiċċ tiegħek li jidher, rebbieħ fuq il-mewt u glorjuż. Int ridt li l-ministri tiegħek ikunu huma wkoll imlibbsa bid-dgħufija biex jistgħu jħossu għal dawk li qegħdin fl-injoranza u l-iżball; agħmel li kull min jersaq lejn wieħed minnhom iħossu milqugħ, maħbub u maħfur minn Alla."*

Il-Mulej iberikkom.
**Dun Karm Mercieca**

**Nota: It-talba sħiħa tista' ssibha hawn: http://www.laikos.org/Talba_Gublew_test.htm**

# Irtir Gruppi Familji Nsara

Nixtiequ ngħixu din is-Sena Ġubilari fid-dawl tal-Kelma ta' Alla: ***Ħanina bħall-Missier***. Dan hu

**PROGRAMM TA' ĦAJJA**

impenjattiv imma daqstant ieħor mogħni bil-ferħ u l-paċi.

*(Papa Franġisku: Misericordiæ Vultus, paragrafu 13)*

(**Nota:** Tkun ħaġa tajba jekk min jieħu sehem fl-irtir ikun qara minn qabel il-Bolla tal-Indizzjoni *Misericordiæ Vultus [Il-Wiċċ tal-Ħniena]* li permezz tagħha l-Papa Franġisku nieda l-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena fil-11 t'April 2015. Tista' ssibha fuq: *http://www.laikos.org/Gublew_Hniena_2015-6.htm)*



**Introduzzjoni**

Nidħlu fil-preżenza ta' Alla billi fis-skiet nimmaġinawh mhux
biss jaħlaq iżda wkoll imexxi u jżomm kollox...
Aħna għemil idejh...
Aktar minn hekk, aħna wliedu – ulied maħbuba...
Huwa Missierna li ħalaqna u jieħu ħsiebna u jħobbna b'imħabba liema bħala...
u jibqa' jħobbna wkoll meta aħna noffenduh u forsi wkoll inwarrbuh...

Hu ma jimxix magħna skont ma ħaqqhom ħtijietna,
ma jħallasniex skont ma ħaqqha ħżunitna;
bħalma jħenn il-missier għal uliedu,
hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-biża' tiegħu;
għax hu jaf kif aħna magħġuna, jiftakar li aħna trab;
għax Ħanin u twajjeb il-Mulej,
idum ma jagħdab u kollu mogħdrija.

U tant ħabbna li bagħtilna lil Ibnu l-Waħdieni...
Ġesù Kristu – il-Wiċċ tal-Ħniena tiegħu.
Huwa wassal il-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni lill-imsejknin,
il-fidwa lill-imjassrin, il-ferħ lill-imnikktin.
U biex itemm il-ħsieb tal-imħabba tal-Missier għalina,
huwa ta lilu nnifsu għall-mewt,
u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet qered il-mewt u ġedded il-ħajja.

**Programm ta' ħajja**

Il-ħniena hija t-triq waħdanija tal-Knisja bħalma kienet it-triq ta' Alla fi Kristu Ibnu. Il-ħniena hija l-fus ewlieni li għandu jwieżen il-ħajja u l-ħidma tal-Knisja. L-azzjoni pastorali kollha tagħha għandha tkun imgeżwra fil-ħniena li biha hi ddur fuq dawk li jemmnu; xejn mit-tħabbira u mix-xhieda tagħha quddiem id-dinja m'għandu jkun nieqes mill-ħniena. Il-kredibbiltà tal-Knisja tgħaddi mit-triq tal-imħabba ħanina u kollha kompassjoni. Il-Knisja "tgħix bix-xewqa bla temma li toffri ħniena." Forsi għal ħafna żmien insejna nuru liema hi u ngħixu t-triq tal-ħniena. It-tentazzjoni li nistennew dejjem u biss ġustizzja nessietna li din hi l-ewwel pass, meħtieġ u indispensabbli; imma l-Knisja għandha bżonn tmur lil hemm biex tilħaq destinazzjoni ogħla u iżjed sinifikattiva. Min-naħa l-oħra, hu ta' swied il-qalb li jkollna naraw kif l-esperjenza tal-maħfra fil-kultura tagħna qiegħda dejjem tonqos. Saħansitra l-istess kelma f'xi waqtiet donnha qed tgħib. Madankollu, mingħajr ix-xhieda tal-maħfra, tibqa' biss ħajja bla frott u sterili, qisna nkunu ngħixu f'deżert imwarrab. Għall-Knisja wasal mill-ġdid iż-żmien li xxandar kollha ferħ il-maħfra. Hu ż-żmien li nerġgħu lura għall-essenzjal biex nagħmlu tagħna d-dgħufijiet u d-diffikultajiet ta' ħutna. Il-maħfra għandha l-qawwa li tqajjimna lura għal ħajja ġdida u timliena bil-kuraġġ biex nistgħu nħarsu b'tama lejn il-ġejjieni.

Il-ħajja hi pellegrinaġġ u l-bniedem hu pellegrin li jterraq mixja lejn id-destinazzjoni tant mixtieqa. Il-Mulej Ġesù jurina x'inhuma t-tappi tal-pellegrinaġġ li bih nistgħu nilħqu din id-destinazzjoni: "Tiġġudikawx, u ma tkunux iġġudikati; tikkundannawx, u ma tkunux ikkundannati; aħfru, u ssibu l-maħfra; agħtu, u jingħatalkom. Kejl tajjeb, marsus, mheżżeż sewwa u mburġat iqegħdulkom f'ħoġorkom; għax bl-istess kejl li tkejlu intom, jitkejjel lilkom." (Lq. 6, 37-38) Fi kliem il-Mulej Ġesù, il-mixja tagħna fil-ħajja ta' kuljum, fiha erba' tappi li permezz tagħhom inkunu fid-dinja sinjal ħaj tal-imħabba tal-Missier: ***tiġġudikawx ... tikkundannawx ... aħfru ... agħtu***. Hekk ningħarfu li aħna wlied il-Missier tagħna tas-sema.



**Żewġ parabboli**

Il-ħniena hija don: don riċevut, iżda wkoll don mogħti.

**Fl-Evanġelju għandna żewġ parabboli li juruna:**

(a) il-ħniena bħala don li Alla jsawwab fuqna mingħajr ma jistħoqqilna u li tiegħu għandna nkunu tassew grati: mill-Evanġelju skont San Luqa (kap 15, versi 11-32): **Il-parabbola tal-Iben il-ħali**;

(b) il-ħniena bħala don li aħna għandna naqsmu mal-oħrajn wara li nkunu rċevejnih mingħand Alla: mill-Evanġelju skont San Mattew (kap 18, versi 21-35): **Il-parabbola tal-qaddej li ma ħafirx**.

**Riflessjoni**

Qari mid-Diskorsi tal-Isqof San Ċesarju ta' Arles

**Ħniena ta' Alla u ħniena tal-bnedmin**

*Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena.* Kemm għandha ħlewwa, ħuti għeżież, il-kelma "ħniena"! Jekk din il-kelma, fiha nfisha, hi kollha ħlewwa, kemm aktar hi kollha ħlewwa l-ħniena fiha nfisha? Issa, għalkemm il-bnedmin kollha jixtiequ 'l min jurihom ħniena, mhux kulħadd – u din hi l-agħar ħaġa – iġib ruħu b'mod li jkun jistħoqqlu ħniena. Kulħadd irid 'il min jurih ħniena, iżda ftit huma dawk li juru ħniena mal-oħrajn.

Ja bniedem, b'liema wiċċ titlob dak li ma tridx tagħti? Min jixtieq isib ħniena fis-sema, jeħtieġlu juriha f'din id-dinja. Għalhekk, ħuti għeżież, jekk aħna lkoll nixtiequ 'l min iħenn għalina, ħa nagħżlu li nħennu għall-oħrajn, ħalli dan ikun ta' ħarsien għalina f'din id-dinja, biex imbagħad ikollna l-ħelsien fid-dinja li għad trid tiġi. Fis-sema tinsab dik il-ħniena li nistgħu niksbu billi nuru ħniena f'din id-dinja, għax l-Iskrittura tgħid: *Mulej, sas-smewwiet tasal il-ħniena tiegħek.*

Hemm il-ħniena tas-sema u hemm il-ħniena tal-art; hemm il-ħniena li juru l-bnedmin u hemm il-ħniena li ġġiegħlek tħenn għall-fqir u l-imsejken. Liema hi l-ħniena li jurina Alla? Dik li tagħtik il-maħfra ta' dnubietek. Kulma tagħmel il-ħniena tal-bnedmin f'din id-dinja tpattih fis-sema l-ħniena ta' Alla. Alla f'din id-dinja jbati l-ksieħ u l-ġuħ fil-fqar tiegħu





kollha, kif hu stess qal: *Kulma għamiltu mal-iżgħar fost ħuti, għamiltuh miegħi.* Alla li fis-sema jogħġbu jagħti, fl-art jixtieq jirċievi.

X'nies aħna biex, meta Alla jqassam id-doni tiegħu, nistennew li nirċievu dawn id-doni mingħandu, u mbagħad m'aħniex lesti li nagħtuh xi ħaġa meta jitlobna? Meta xi fqir ikun bil-ġuħ, hu Kristu li jkun ibati, għax hu stess qal: *Kont bil-ġuħ u tmajtuni.* Mela tmaqdarx il-miżerja tal-foqra, jekk trid tkun żgur li għad taqla' l-maħfra ta' dnubietek. Kristu qed ibati l-ġuħ, ħuti, qed ibati l-ġuħ u l-għatx fil-fqar tiegħu kollha: dak li se jirċievi mingħandek fuq l-art, hu jroddulek fis-sema.

Nistaqsikom, ħuti: intom meta tiġu l-knisja xi tkunu tridu, xi tkunu tfittxu? Mhux ħniena? Mela uru l-ħniena tal-bnedmin, biex ikollkom il-ħniena ta' Alla. Lilek jitlob il-fqir, u int titlob 'l Alla; il-fqir jitlob kisra ħobż, int il-ħajja ta' dejjem. Agħti lit-tallab biex tirċievi mingħand Kristu dak li jistħoqqlok. Isma' x'jgħid: *Agħtu u jingħatalkom.* Ma nafx b'liema wiċċ tippretendi li tieħu, meta m'intix lest li tagħti. Għalhekk, meta tiġu l-knisja, agħtu kemm tistgħu karità lill-foqra.

**Eżami**

Ġesù qalilna li meta nidhru quddiemu, se jistaqsina dwar jekk għamilniex opri ta' ħniena mal-iżgħar fost ħutna. (Mattew 25, 31-46)

Il-Papa wkoll jixtieq li aħna nirriflettu dwar dawn l-opri tal-ħniena u kif nistgħu ngħixuhom: "Hi xewqa kbira tiegħi li l-poplu Nisrani matul il-Ġublew jirrifletti fuq l-*opri tal-ħniena korporali* u *spiritwali*. Dan ikun mod kif nerġgħu nqajmu l-kuxjenza tagħna spiss rieqda quddiem it-traġedja tal-faqar u biex nidħlu dejjem iżjed fil-qalba tal-Evanġelju, fejn il-foqra huma l-ipprivileġġjati tal-ħniena divina. Il-predikazzjoni ta' Ġesù tqegħdilna quddiem għajnejna dawn l-opri tal-ħniena biex nistgħu nifhmu jekk aħniex ngħixu jew le bħala dixxipli tiegħu. Niskopru mill-ġdid l-opri tal-ħniena *korporali*: nitimgħu lil min hu bil-ġuħ, nisqu lil min hu bil-għatx, inlibbsu lil min hu għarwien, nilqgħu lil min hu bla dar, inżuru lill-marid, inżuru lill-ħabsi, nidfnu lill-mejtin. U ma ninsewx l-opri tal-ħniena *spiritwali*: nagħtu parir tajjeb lill-ħosbien, ngħallmu lil min ma jafx, inwiddbu lill-midneb, infarrġu lill-imnikket, naħfru l-ħtijiet, nistabru b'min idejjaqna, nitolbu 'l Alla għall-ħajjin u għall-mejtin." (Misericordiæ Vultus, 15)

**Talba tal-Papa Franġisku għall-Ġublew tal-Ħniena (2015-2016)**

Mulej Ġesù Kristu,
int li għallimtna nħennu bħalma ħanin hu Missierna tas-Sema,
u għedtilna li min jara lilek jara lilu: urina wiċċek u nkunu salvi.
Ħarstek mimlija mħabba ħelset lil Żakkew u 'l Mattew mill-jasar tal-flus;
lill-adultera u l-Maddalena milli jqiegħdu l-ferħ tagħhom biss fi ħlejqa;
bikkiet lil Pietru wara t-tradiment, u wiegħdet il-Ġenna lill-ħalliel niedem.
Agħmel li kull wieħed u waħda minna jisma' tingħad lilu
dik il-kelma li int lissint lis-Samaritana: Kieku kont taf id-don ta' Alla!
Int il-wiċċ li jidher tal-Missier li ma jidhirx,
ta' Alla li juri s-setgħa tiegħu fuq kollox bil-maħfra u l-ħniena:
agħmel li l-Knisja tkun fid-dinja l-wiċċ tiegħek li jidher,
int li int il-Mulej tagħha, rebbieħ fuq il-mewt u glorjuż.
Int ridt li l-ministri tiegħek ikunu huma wkoll imlibbsa bid-dgħufija
biex jistgħu jħossu għal dawk li qegħdin fl-injoranza u l-iżball;
agħmel li kull min jersaq lejn wieħed minnhom
iħossu milqugħ, maħbub u maħfur minn Alla.
Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u kkonsagrana lkoll bid-dilka tiegħu
biex dan il-Ġublew tal-Ħniena jkun sena ta' grazzja tal-Mulej
u l-Knisja tiegħu b'ħeġġa mġedda tista'
twassal lill-foqra l-bxara t-tajba,
tħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u l-maħqurin,
u d-dawl mill-ġdid lill-għomja.
Dan nitolbuhulek bl-interċessjoni ta' Marija, Omm il-Ħniena,
int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu
għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**(Ħajr LAIKOS; miġjuba għall-Malti mit-Taljan minn Francesco Pio Attard.**
**Wieħed isib aktar riżorsi fuq: http://www.laikos.org/Gublew_Hniena_2015-6.htm)**



# Għajnuna għall-animazzjoni tal-iskemi fil-grupp

**Talba tal-Bidu (ara paġna 79)**

**Qari u diskussjoni dwar it-tema tax-xahar**

Inħeġġu l-koppja mexxejja biex tippjana l-laqgħa minn qabel u tieħu ħsieb biex ikollhom il-faċilitajiet neċessarji biex il-laqgħa tkun animata mill-aħjar possibbli.

Il-laqgħa tista' tieħu forom differenti. Per eżempju, l-ewwel jinqara t-test preżentat fl-iskemi u wara ssir diskussjoni, jew, issir diskussjoni waqt li qed jinqara t-test tal-iskema. Inħeġġu l-membri kollha biex jieħdu ħsieb żgħir magħhom id-dar u jippruvaw jgħixuh matul dak ix-xahar.

**Talb spontanju quddiem Ġesù Ewkaristija**

Il-ħin ta' ġabra u talb fil-grupp hu ħin importanti ħafna fil-laqgħa tal-grupp, u hu propost li nagħmluh f'kull laqgħa fil-preżenza ta' Ġesù Ewkaristija. L-Ewkaristija għandha titwassal mis-Saċerdot f'teka, titqiegħed fuq terħa filwaqt li tinxtegħel xemgħa. Għandna nagħtu importanza lis-skiet, l-adorazzjoni u t-talb spontanju minn dawk preżenti. Wara, jekk is-Saċerdot ma jkunx ser jieħu lura lil Ġesù fil-knisja, l-aħjar li nistiednu lil dawk li ma jkunux tqarbnu matul il-jum biex jirċievu l-ġisem ta' Ġesù.

**Talba tal-Għeluq (ara paġna 80)**

**"Tiġġudikawx, u ma tkunux iġġudikati; tikkundannawx, u ma tkunux ikkundannati; aħfru, u ssibu l-maħfra; agħtu, u jingħatalkom. Kejl tajjeb, marsus, mheżżeż sewwa u mburġat iqegħdulkom f'ħoġorkom; għax bl-istess kejl li tkejlu intom, jitkejjel lilkom."**

(Lq. 6, 37-38)





**"Tħallux ix-xemx tgħib fuq il-korla tagħkom."**

(Efes. 4, 26)



# Skema 1
# L-Imħabba taf tistabar u tħenn

Fis-seklu sittax, fi żmien ir-renju tar-Reġina Eliżabetta, it-tabib Thomas Cooper ħa l-inkarigu biex jaġġorna dizzjunarju. Fi żmien ta' tmien snin kien żid madwar 33,000 kelma ġdida u bidel diversi oħrajn. Darba waħda, meta daħal fil-kamra tal-istudju tiegħu ra n-noti u l-istudju kollu maħruq. Meta staqsa x'kien ġara, il-mara qalet li kienet hi li ħarqitlu l-karti, bl-iskuża li bdiet tibża' li ser imut bl-istudju. Dr Thomas wieġeb "Oh Dinah, Dinah, f'kemm inkwiet daħħaltni." Minnufih poġġa bilqiegħda u reġa' beda jaħdem fuq id-dizzjunarju. Fl-1565 ġie ppublikat l-ewwel dizzjunarju tiegħu (*Thesaurus Lingua Romanæ et Britannicæ*). Dik paċenzja!

San Pawl jibda l-Kantiku tal-Imħabba tiegħu bl-iebes, "l-imħabba taf tistabar." Jekk inħarsu lejn it-test Grieg, dak oriġinali, il-kelma li juża San Pawl tfisser persuna ta' **temperament twil**. X'nifhmu bil-kelma temperament? Hemm ħafna x'wieħed jista' jgħid. Fi ftit kliem nistgħu ngħidu li temperament hu parti mill-karattru ta' persuna li jeffettwa l-mod kif jaħseb, iħoss, u jġib ruħu. San Pawl qiegħed jgħidilna li l-vera mħabba timmanifesta ruħha meta nieħdu paċenzja, nissaportu, u naċċettaw l-imperfezzjonijiet, difetti, u d-differenzi tal-oħrajn.

Fil-lingwaġġ tagħna llum, il-kelma **ħniena** tant tilfet mis-sinifikat tagħha li xi drabi nifhmu biss korteżija esterna, manjieri tajbin. Pawlu jrid ifisser ħafna iktar minn hekk. Fil-fatt, dawn iż-żewġ verbi – tistabar u tħenn – insibuhom flimkien fl-ittra lir-Rumani bħala attributi ta' Alla (ara Rum. 2, 4). Kemm jagħmel sens il-motto li l-Papa Franġisku għażel għas-sena tal-Ġublew tal-Ħniena, "Ħanina bħall-Missier"!

Il-Bolla *Misericordiæ Vultus*, mhux biss tħabbar uffiċjalment il-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena, imma hi ġabra straordinarja fil-qosor tat-teoloġija tal-ħniena. Id-dokument fih referenzi bibliċi (ara MV 6-9) kif ukoll referenzi għal dak li kitbu qaddisin bħal Santu Wistin u San Ġwann tas-Salib, kif ukoll Papiet riċenti. M'għandniex il-ħin biex nidħlu fid-dettall ta' kull aspett tal-ħniena msemmi fil-Bolla, imma ser nirriflettu dwar il-Parabbola li Ġesù wieġeb meta mistoqsi fuq kemm-il darba wieħed għandu jaħfer. Il-Papa Franġisku jikteb hekk:





*Imqanqal mill-mistoqsija ta' Pietru fuq kemm-il darba wieħed għandu jaħfer, Ġesù wieġeb: "Ma ngħidlikx sa seba' darbiet, imma sa sebgħa u sebgħin darba"* (Mt. 18, 22), *u rrakkonta l-parabbola tal-"qaddej li ma jaħfirx". Dan, meta ġie msejjaħ mis-sultan biex jagħtih lura somma kbira, niżel għarkupptejh jokroblu u sidu ħafirlu dejnu. Imma dritt wara dan jiltaqa' ma' qaddej ieħor bħalu li kellu miegħu dejn ta' ftit ċenteżmi, li wkoll niżel għarkupptejh quddiemu jitkarrablu biex iħenn għalih, imma dan ma jkunx irid u jixħtu l-ħabs. Hawn is-sultan, meta sar jaf b'dan, jiżbel ħafna u jerġa' jsejjaħ lil dak il-qaddej u jgħidlu: "Ma kienx imissek int ukoll tħenn għal sieħbek kif ħennejt jien għalik?"* (Mt. 18, 33) *U Ġesù jagħlaq hekk: "Hekk jagħmel lilkom Missieri li hu fis-Smewwiet jekk ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom."* (Mt. 18, 35)

**Niddiskutu fil-grupp:**
Ġesù jafferma li l-ħniena mhix biss l-għemil tal-Missier, imma hi kriterju biex nifhmu min huma l-ulied veri tiegħu: "biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet." (Mt. 5, 45) L-imġieba tiegħi turi dan? X'inhuma dawk l-elementi li s-soċjetà tagħna llum qed timbotta 'l quddiem biex tgħinna nkunu aħjar? Jew qed insibu aktar tfixkil fit-triq tagħna lejn dak li jrid Ġesù minna?

Kif ser nitħejjew biex inwarrbu l-korla, ir-rabja, il-vjolenza u l-vendetta li, kif jgħidilna l-Papa (ara MV 9, 3), huma fatturi li jwaqqfuna milli naħfru u nħennu?

**Kif ser ngħixu dak li ddiskutejna flimkien?**
*Ejjew nilqgħu l-eżortazzjoni tal-Appostlu: "Tħallux ix-xemx tgħib fuq il-korla tagħkom."* (Efes. 4, 26) *U fuq kollox nisimgħu l-kelma ta' Ġesù li qegħdilna l-ħniena bħala ideal ta' ħajja u bħala kriterju ta' kredibbiltà għall-fidi tagħna: "Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena"* (Mt. 5, 7) *hi l-beatitudni li minnha għandna nitnebbħu b'impenn partikulari matul din is-Sena Mqaddsa.* (MV 9, 3)

Matul dan ix-xahar nippruvaw nieħdu il-kliem tal-Papa Franġisku b'serjetà u nfittxu li nisimgħu u ngħixu l-Kelma ta' Alla.



# Skema 2
# L-Imħabba mhijiex għajjura

**Introduzzjoni**
San Pawl jgħidilna li l-imħabba u l-għira jmorru kontra xulxin. L-imħabba tfittex il-ġid tal-oħrajn, tant li tkun lesta li tagħmel kull sagrifiċċju biex tikseb il-ġid u l-ferħ għal ħaddieħor, fil-waqt li l-għira twassal għas-suċċess tal-persuna nfisha għad-detriment tal-oħrajn.

Hawn tajjeb nagħmlu parentesi żgħira, imma importanti, dwar il-kelma 'għira'. Il-kelma 'għira' li juża Pawlu fl-ittra tiegħu bil-Grieg tintuża għal persuna li hi medhija u tgħix għax-xewqat u l-pjanijiet tagħha; persuna li hi lesta tissagrifika kollox u lil kulħadd biex tilħaq l-għanijiet tagħha; persuna li tant hi mitlufa wara dan l-ideal, li lanqas biss taħseb u tinduna bil-bżonnijiet tal-oħrajn. Din id-deskrizzjoni hi totalment differenti mill-għira li tintuża biex tiddeskrivi wieħed mill-attributi t'Alla meta fl-Antik Testment naqraw li Alla hu għajjur (ara Eż. 20, 5; 34, 14; Dewt. 4, 24; 5, 9; 6, 15; u Ġoż. 24, 19). F'dawn il-każijiet, id-deskrizzjoni approprjata hi li Alla hu appassjonat bil-poplu tiegħu (ara n-nota dwar Eż. 20, 5 tal-Għaqda Biblika Maltija).

Fl-ittra tiegħu, San Ġakbu jgħidilna li l-għira twassal għall-ġlied u t-tilwim (ara Ġak. 4, 1-2), saħansitra anke għall-qtil (ara 2 Sam. 11-12). L-għira timmanifesta ruħha f'diversi forom. Per eżempju, bejn l-ulied fil-familja, forsi minħabba xi preferenzi li juru l-ġenituri, bejn il-miżżewġin minħabba xi progress li xi ħadd minnhom ikun għamel fuq ix-xogħol jew l-istudju, bejn ħaddiema fl-istess uffiċċju dwar pagi u opportunitajiet, jew għira li tiġi minn tagħlim żbaljat tal-Kelma t'Alla (ara 1 Tim. 6, 3-6). Din tal-aħħar ma tantx inħossuha f'pajjiżna imma hi problema meta l-fidi tiġi trasmessa bħala għan biex wieħed jakkwista xi ġid materjali.

Dan hu eżatt bil-maqlub li l-Papa jurina kif Alla jaħdem magħna l-bnedmin. Aħna faċli ngħidu li nħobbu, imma l-azzjonijiet tagħna xi drabi juru bil-maqlub. Alla, jgħidilna l-Papa, jagħmel imħabbtu tidher u tintmess. Ikompli jgħidilna li l-imħabba ma tista' qatt tkun fl-arja imma mill-istess natura tagħha hi konkreta, permezz tal-intenzjonijiet, atteġġjamenti, u mġieba (ara MV 9.4).



**Naħsbu u niddiskutu:**
**Ħsieb:** Permezz tal-parabbola tal-ħaddiema fl-għalqa tad-dwieli, Ġesù jgħallimna li rridu nneħħu l-għira minn qlubna (ara Mt. 20, 1-16). Kif dawk li bdew jaħdmu filgħodu kmieni raw li dawk li ħadmu siegħa biss ħadu dinar kull wieħed ukoll, ħaduha kontra sid il-għalqa u bdew igemgmu kontrih. "Is-sid qal lil wieħed minnhom: 'Ħabib, minn xejn ma nqastek jien... qiegħed tgħir għax jien qalbi tajba?'" (Mt. 20, 13-15).

**Niddiskutu:** Nosservaw sitwazzjonijiet simili fil-ħajja tagħna ta' kuljum? Kif inġib ruħi f'dawn iċ-ċirkustanzi? Nibqa' nara 'l-persuna l-oħra fit-totalità tagħha, fis-sbuħija, u fil-ġenerożità? X'nista' nagħmel biex ma naqax fin-nasba tal-għira?



“**Niddiskutu:** Ġieli konna preżenti f'sitwazzjoni fejn l-għira kissret il-familja? X'nistgħu nitgħallmu minn din is-sitwazzjoni u kif nistgħu ngħinu lil min ikun għaddej minn sitwazzjoni simili?

**Kif nista' negħleb l-għira?**
L-għira tinbet min-niket li wieħed iħoss quddiem il-ġid u l-ferħ tal-oħrajn jew mix-xewqa bla kontroll biex dan il-ġid isir tiegħu, ukoll b'mezzi li m'għandux juża. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħidilna li dan imur kontra l-għaxar kmandament, fejn Alla qed jitlobna nbiegħdu kull għira minn qalbna (ara KKK 2538-2540). San Ġwann Griżostmu jgħid li bħalma l-kamla tiekol l-ilbies hekk ukoll l-għira teqred lill-bniedem.

Il-*Youcat* (*Youth Cathecism*) jagħtina pariri siewja kif wieħed jista' jegħleb l-għira (ara *Youcat* 466):

- L-għira tonqos meta nifirħu u niċċelebraw kisbiet u l-ġid tal-oħrajn.
- Innaqqsu l-għira meta nibdew nemmnu li Alla jipprovdi bla interess lil kulħadd, inkluż lili wkoll.
- Ngħiru inqas meta npoġġu qlubna fuq il-ġid veru, il-fatt li aħna diġà qed nipparteċipaw fil-ħajja m'Alla permezz tal-Ispirtu s-Santu.
- Matul dawn il-ġranet inżommu dawn it-tliet punti quddiemna biex insiru aktar awtentiċi fl-imħabba tagħna m'Alla u mal-oħrajn. Jekk hemm l-għira fiż-żwieġ tagħna, qabel norqdu nitolbu 'l Alla flimkien biex permezz tal-għajnuna tiegħu nneħħu l-għira minn qalbna u nsaħħu s-Sagrament taż-Żwieġ tagħna.

**Naħdmu fil-Komunità:**
Il-Papa jħeġġiġna biex ir-Randan ta' din is-Sena Ġubilari ngħixuh b'mod iżjed intens bħala mument qawwi biex niċċelebraw u nduqu l-ħniena t'Alla. Il-Papa qiegħed iħeġġiġna biex nippromovu u ngħixu l-inizjattiva “24 siegħa għall-Mulej”, li għandhom jiġu ċċelebrati l-Ġimgħa u s-Sibt ta' qabel ir-raba' Ħadd tar-Randan (ara MV 17.3). Inħeġġukom biex tiddiskutu din l-inizjattiva fil-parroċċa tagħkom (mal-Arċipriet jew Kappillan, u Kummissjonijiet tal-Liturġija u tal-Familja) biex tissieħbu jew torganizzaw dawn l-24 siegħa fid-dawl ta' dak li qiegħed isir fid-Djoċesi tagħna.



# Skema 3
# L-imħabba ma tintefaħx biha nfisha

Irridu nammettu li xi drabi dak li nagħmlu, bħal xi att ta' karità jew għajnuna, ma nagħmluhx b'intenzjoni ġenwina għax inkunu qed naħsbu fina nfusna. Il-bniedem ġewwa fih għandu t-tendenza li jibda minnu u jispiċċa fih u għalhekk jinsa jew iwarrab lill-oħrajn fl-azzjonijiet tiegħu. Dan jikkuntrasta bil-kbir ma' Alla li aħna ngħidu li nemmnu fih u li kulma jagħmel jagħmlu għalina u mhux għalih innifsu. Biżżejjed niftakru li Alla bagħat lil Ibnu li miet fuq salib biex lilna jifdina u jsalvana. Kristu hu Alla u bħala Alla seta' jwarrab kull forma ta' tbatija minn fuqu nnifsu fi kwalunkwe mument ta' din il-ġrajja ta' salvazzjoni. Niftakru lil Kristu jgħid lil Missier li jekk ried seta' jwarrablu l-kalċi li kien ġej fuqu, imma mbagħad ikompli li mhux dak li ried hu iżda li ried Alla għalih ikun magħmul. Kristu ntelaq u offra lilu nnifsu għalina.

L-imħabba hija att importanti li bih persuna tkun qed turi rabta, rispett, konnessjoni u dedikazzjoni lejn persuna oħra. Għalhekk l-imħabba hi sinjal importanti ta' għotja lil ħaddieħor. Dan suppost għandu jkun dejjem f'moħħ il-koppja illi kienu wiegħdu eżattament dan meta taw il-kelma lil xulxin waqt iċ-ċerimonja taż-żwieġ.

Niftakru ftit. Meta s-saċerdot staqsikom: "Intom lesti biex tibqgħu miexja f'din it-triq taż-żwieġ u tħobbu u tirrispettaw lil xulxin tul ħajjitkom kollha?" Intom irrispondejtu, "Iva, lesti li nħobbu u nirrispettaw lil xulxin tul ħajjitna kollha." Għalhekk din l-imħabba u dan ir-rispett huma l-qofol taż-żwieġ fejn aħna rridu ninsew lilna nfusna biex naqdu lill-oħrajn. Dak kollu li nagħmlu fiż-żwieġ u l-familja nagħmluh b'sens ta' servizz u mhux biex kulħadd joqgħod jammirana, ifaħħarna jew jirringrazzjana.

Il-Papa Franġisku kellu eżattament dan f'moħħu meta fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ tal-2015 qal hekk: "Kemm qawwa hemm f'din il-ħila li tħobbu u tkunu maħbuba! Tħallux li dan il-valur prezzjuż jisfa' ffalsifikat, meqrud jew moħbi. Dan jiġri meta fir-relazzjonijiet tagħna tidħol minn taħt l-istrumentalizzazzjoni tal-proxxmu għall-finijiet egoistiċi tagħna, xi drabi purament bħala oġġett ta' pjaċir. Wara dawn l-esperjenzi negattivi, il-qalb tibqa' miġruħa u mnikkta." Għalhekk il-Papa jagħtina l-kuraġġ billi jgħidilna:



"Nitlobkom: Tibżgħux minn imħabba vera, dik li għallimna Ġesù", u jkompli li biex nifhmu aktar xi tfisser l-imħabba għandna naqraw x'jgħid San Pawl fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin (1 Kor. 13, 4-8).

**Naħsbu u niddiskutu:**

- Kemm hu faċli li ninsew lilna nfusna biex naqdu lill-oħrajn?
- Nafu b'persuni li rnexxielhom jagħmlu dan?
- Fil-ħajja miżżewġa liema huma l-aktar mumenti fejn li tagħti lilek innifsek hu diffiċli, jew diffiċli ħafna?

**"L-imħabba hi sinjal importanti ta' għotja lil ħaddieħor."**



**Mara eżemplari –**
**Santa Eliżabetta tal-Portugall**

Waħda minn dawk in-nisa li nsew lilhom infushom fil-ħajja miżżewġa kienet Santa Eliżabetta tal-Portugall. Ir-Reġina Eliżabetta li kienet Spanjola, kienet miżżewġa lir-Re tal-Portugall u għexet




bejn l-1271 u l-1336. Ir-raġel tagħha, ir-Re Denis, għalkemm għall-bidu kien leali lejha bħala martu, maż-żmien dan qabad it-triq tad-dnub. Eliżabetta madankollu kienet mara tajba li tisma' l-quddiesa kuljum u titlob. Kien hemm xi ħadd li ivvinta xi qlajja' fuq Eliżabetta u r-Re emmen lil min ġie jgħidlu u ma wera ebda interess f'martu. Maż-żmien induna li kienu gidbu fuq Eliżabetta. Kif irrealizza talab maħfra lil martu. Min-naħa tagħha hi qatt ma waqfet tkun leali lejn żewġha u baqgħet miegħu, tirrispettah u tħobbu, sal-mument tal-mewt tiegħu. Waqt il-marda finali ta' żewġha, Eliżabetta kienet toqgħod maġenb soddtu l-ħin kollu ħlief biex tmur tisma' quddiesa. Baqgħet tħobbu sal-aħħar akkost ta' kollox.

Ġiet proklamata qaddisa fl-1625 mill-Papa Urbanu VIII

**X'nista' nagħmel jien fil-komunità:**

- Irrid inkun eżempju ta' altruiżmu lejn l-oħrajn.
- Dak li nagħmel ma nagħmlux biex nidher imma biex inservi.
- Ngħin kif nista' fil-parroċċa u mhux nipprova nsib skużi biex ma nagħmel xejn.



# Skema 4
# L-imħabba ma titkabbarx fuq l-oħrajn

**Introduzzjoni**

Sikwit nisimgħu espressjonijiet bħal "mingħalih jaf kollox u ma jaf xejn" u "kibritlu rasu." Il-kburija hija element ieħor li jtellef mill-imħabba ġenwina u li San Pawl ipoġġi fil-Kantiku tiegħu lill-imħabba. Li ma titkabbarx hi ċavetta għall-ħajja Nisranija awtentika. Biżżejjed niftakru fit-talba "O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb!" (Lq. 18, 13) u fl-istqarrija tal-iben il-ħali: "Missier... dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek." (Lq. 15, 21)

## "Missier... dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek."

(Lq. 15, 21)

Il-kliem "ma titkabbarx fuq l-oħrajn" għandu tifsira għanja u sabiħa ħafna. Il-kelma oriġinali li juża San Pawl tfisser li l-imħabba mhix arroganti, ma tkabbarx lilha nfisha, ma tirfisx fuq l-oħrajn biex tidher hi. Ġesù hu l-eżempju perfett tal-imħabba bla interessi personali. (ara Fil. 2, 6-8) Hu sar qaddej u umilja ruħu sal-mewt tas-salib biex isalvana. L-oppost tal-kburija hi l-umiltà. Persuna mkabbra tagħti mertu lilha nfisha għall-ġid li jkollha waqt li persuna umli tħoss li ma jistħoqqilhiex dak il-ġid u tarah bħala grazzja minn Alla. Persuna mkabbra tħossha superjuri fuq l-oħrajn. Persuna umli tħossha bħall-oħrajn u ta' għajnuna għalihom.

Qabel ngħaddu għad-diskussjoni tajjeb li nagħmlu distinzjoni bejn li titkabbar fuq l-oħrajn u li tkun kburi b'xi ħaġa jew xi ħadd, fejn tħossok onorat, imbierek, jew kuntent. Hu tajjeb li tkun kburi bil-fidi tiegħek, bil-familja tiegħek, u biż-żwieġ tiegħek!



**Naħsbu, Niddiskutu, u Naġixxu**

Mod kif tbiegħed ħbieb u familjari minnek hu billi tfaħħar lilek innifsek b'mod frekwenti jew bla ma jistħoqqlok. Ġieli ltqajt ma persuni li jġibu ruħhom b'dan il-mod? Ġieli kont int stess li ħadt mertu ta' xi ħaġa li ma kienx ħaqqek? Niddiskutu fil-grupp...

Is-Samaritan it-tajjeb ma qagħadx jgħid li s-Samaritani u l-Lhud ma jitħalltux flimkien. (ara Lq. 10, 30-37; Ġw. 4, 9) Ma qagħadx jgħid kif ser jidher quddiem ħaddieħor, u x'ser jgħidu n-nies. Hu kien hemm biex jgħin. Dan jintona sewwa ma' dak li l-Papa jgħidilna dwar il-bżonn li niftħu qlubna għal dawk kollha li qed jgħixu fl-iżjed periferiji eżistenzjali li jeżistu. Il-Papa jsemmi diversi sitwazzjonijiet, li aħna rridu nagħtu risposta għalihom, fosthom: *"jekk għenniex lil ħaddieħor joħroġ mid-dubju li jnissel il-biża' u li spiss hu għajn ta' solitudni; jekk konniex kapaċi nirbħu l-injoranza li fiha jgħixu miljuni ta' nies, fuq kollox it-tfal imċaħħda mill-għajnuna meħtieġa, biex hekk neħilsuhom mill-faqar; jekk konniex qrib ta' min hu waħdu u qalbu mtaqqla; jekk ħfirniex lil min kasbarna u warrabniex kull xorta ta' rabja u ta' mibegħda li ġġib il-vjolenza; jekk stabarniex fuq l-eżempju ta' Alla li tant jistabar magħna; jekk, fl-aħħar nett, fdajniex lil ħutna f'idejn il-Mulej fit-talb."* (MV15) X'nista' nagħmel jien? X'nistgħu nagħmlu bħala grupp?

**Kif ser nipprattika l-umiltà?**

**Gratitudni**. Irrid inkun grat għal dak li għandi u għal dak li hu ta' ħaddieħor. B'hekk inneħħi l-attenzjoni żejda minn fuqi u nagħti attenzjoni lill-oħrajn. Fiż-żwieġ, il-miżżewġin juru l-gratitudni tagħhom billi jgħidu x'japprezzaw f'xulxin.

**Tagħlim**. Il-kburija tillimita l-abbiltà li wieħed jikber u jitgħallem. Fiż-żwieġ, għandna nibqgħu nitgħallmu minn xulxin. B'hekk nagħtu unur u nuru rispett lil xulxin waqt li nikbru u nimmaturaw flimkien. Dan isir b'diversi modi; per eżempju, billi nieħdu parir mingħand xulxin, nisimgħu lil xulxin, nuru affarijiet li tgħallimna lil xulxin, u ngħinu lil xulxin fit-tmexxija tal-familja.



**Rispett**. Li tirrispetta lil xi ħadd ifisser li tistmah ogħla minnek innifsek. Fiż-żwieġ inti tista' tagħmel dan billi tonora lil żewġek jew lil martek, taffermaw lil xulxin fil-preżenza tal-oħrajn, tgħaddu kumplimenti bejnietkom, tinkoraġġixxu lil xulxin, tissottomettu rwieħkom għal xulxin, tafdaw f'xulxin, u billi tgħidu li tirrispettaw lil xulxin bil-kliem.

**Fehma**. Qis perspettivi tal-oħrajn, agħti ċans lil ħaddieħor jagħti l-opinjoni tiegħu u kkonvinċi lilek innifsek li int ma tafx kollox! L-aħjar mod biex tagħmel dan fiż-żwieġ tiegħek hu billi tisma' u tikkonsidra lill-parti l-oħra. Ilbsu l-libsa tal-kompassjoni meta tkunu qed tiddiskutu flimkien.

**Rieda**. Persuna umli dejjem għandha rieda tajba. Kun persuna li lesta tgħin, tħobb u taqdi lill-oħrajn. Fiż-żwieġ kun lest li titlob apoloġija, kun lest li tilħaq kompromessi, li ċċedi meta hemm bżonn, li tagħder u li taħfer.



# Skema 5
# L-imħabba ma tagħmilx dak li mhux xieraq

Fid-dinja, mitt bniedem, mitt fehma! Kulħadd jafu dan, għax kulħadd għadda minnu. Meta niġu biex nieħdu deċiżjoni, se nsibu ħafna ideat, opinjonijiet, liġijiet u regolamenti; imma sadanittant aħna xorta rridu nippruvaw nieħdu d-deċiżjoni t-tajba. Għalina l-Kattoliċi d-deċiżjoni t-tajba hi dik li Kristu ħallielna fil-Kotba Mqaddsa u dak li tgħidilna l-Knisja. Hu għalhekk li l-Insara iħabbtu wiċċhom ma' ħafna diffikultajiet għax is-soċjetà mhijiex magħmula biss minn Insara u minn nies li jimxu wara Kristu f'kollox, imma jeżistu ideat, filosofiji u ideoloġiji li jmorru direttament kontra dak li jrid Alla.

Ħafna drabi fil-familja niltaqgħu ma' dawn id-diverġenzi li minħabba fihom mhux faċli li tasal għal ftehim bejn kulħadd. Iktar mal-influwenzi tas-soċjetà jkunu b'saħħithom aktar dawn jidhru fost il-membri tal-familja. Mhux l-ewwel darba li jiġu t-tifel jew it-tifla u jgħidu lill-ġenituri tagħhom li huma antikwati u li llum ħadd ma għadu jagħti kas tar-reliġjon. Min jaf kemm-il darba tipprova tikkoreġi lil xi ħadd u r-risposta tkun biex ma tindaħalx għax illum kulħadd hekk jagħmel. Irridu nammettu li din hi realtà li ma nistgħux naħarbuha. Għalhekk il-ħajja tan-Nisrani ssir aktar impenjattiva biex ma tiddakkarx mill-korruzzjoni, mit-tagħlim qarrieqi, mil-libertajiet mistħajla u minn dak kollu li jwarrab lil Alla mill-qofol tal-ħajja.

Fl-ittra tal-Papa Franġisku, *Misericordiæ Vultus,* il-Papa jgħid hekk: *"Dan hu ż-żmien it-tajjeb biex nibdlu ħajjitna! Dan hu ż-żmien biex inħallu lil min imissilna qalbna. Quddiem il-ħażen li jsir, anki krimini gravi, issa hu l-waqt li nisimgħu l-karba ta' persuni innoċenti mneżżgħa mill-ġid tagħhom, mid-dinjità, mill-imħabba, mill-istess ħajja."* Irridu nagħmlu ħilitna biex nittrattaw lil kulħadd b'dinjità, nagħtu widen għall-karbiet tagħhom u ngħinuhom biex jibqgħu fit-triq it-tajba.

**Naħsbu u niddiskutu**

- X'nistgħu nagħmlu biex ma ninġarrux mal-kurrent ta' ħajja bla Alla?
- Kif nistgħu nkunu ta' sostenn għal min jaqa' għall-pressjonijiet tad-dinja?
- Fil-qalba tal-familja kif nistgħu bħala miżżewġin ngħinu lil xulxin f'mumenti ta' diffikultà fejn id-dinja ta' barra tkun donnha warrbet id-dinja tal-familja?



**Santa Gianna Beretta Molla - Omm li ma ċedietx**

Fis-seklu 20 insibu mara li barra li kienet tabiba tat-tfal, kienet ukoll miżżewġa u omm. Din kienet Gianna Beretta Molla li għexet bejn l-1922 u l-1962. Il-kobor u l-qdusija ta' din il-mara jidhru fid-determinazzjoni tagħha li ma tinġarrx mal-kurrent taż-żmien f'mument delikat ħafna f'ħajjitha. Kienet tqila bir-raba' wild tagħha u matul it-tieni xahar tat-tqala żviluppalha difett fl-utru. It-tobba qalulha li kellha tliet għażliet biex issalva ħajjitha: tagħmel abort, tneħħi l-utru kompletament jew isir intervent kirurġiku fuq id-difett li kellha fl-utru. Gianna kienet taf li l-Knisja Kattolika ma kinitx taċċetta l-abort u bl-ewwel żewġ soluzzjonijiet kienet se toqtol it-tarbija żgur. Għalhekk għażlet li ssirilha operazzjoni fuq id-difett fl-utru, imma qalet lit-tobba li l-ħajja tat-tarbija kellha tiġi mħarsa. Qaltilhom li l-ħajja tat-tarbija tagħha kienet aktar importanti mill-ħajja tagħha stess. Meta għamlet l-operazzjoni t-tarbija ġiet salvata permezz ta' ċesarja imma Gianna mietet sebat ijiem wara.

Hi ġiet proklamata qaddisa mill-Papa San Ġwann Pawlu II fl-2004.



**X'nista' nagħmel jien fil-komunità?**

- Nagħmel ħilti biex inwarrab it-tentazzjonijiet ta' ħajja mingħajr Alla.
- Ngħin lil kull min jitlobni parir tajjeb billi nifhem id-diffikultajiet tiegħu/tagħha imma ngħid dejjem dak li hu sewwa.
- Ningħaqad ma' xi grupp fil-parroċċa li joffri servizz lil nies li jkunu tkaxkru mal-kurrenti ħżiena.



# Skema 6
# L-imħabba ma tfittixx dak li hu tagħha

Kulħadd jiġbed lejh! Din hija espressjoni li nisimgħuha spiss fid-dinja tal-konsumeriżmu u materjaliżmu sfrenat. Iżda dak li qed jgħidilna San Pawl illum imur ferm lil hemm minn din l-attitudni. San Pawl qed jgħidilna li l-imħabba vera mhux biss ma tippruvax tieħu dak li hu ta' ħaddieħor, iżda iżjed minn hekk lanqas ma tipprova tieħu dak li huwa tagħha… għax l-imħabba tfittex biss li tagħti.

Imma rridu nammettu li kulħadd irid jaħseb xi ftit għal rasu wkoll għax inkella nispiċċaw inbatu kultant intortament – għax kif jgħid il-Malti, ħadd ma jaħsillek wiċċek biex tkun aħjar minnu. Meta nkunu qegħdin ma' nies oħrajn nindunaw illi f'dinja mgħaġġla ftit ikollna ċans naħsbu f'ħaddieħor u dak li mhux tagħna ħafna drabi nagħmluh tagħna, kultant mingħajr ma nindunaw. Irridu nammettu wkoll li dan jiġri wkoll fil-familja fejn minħabba pressjonijiet ta' xogħol, ħin, bżonnijiet u elf ħaġa oħra, ma nagħtux l-attenzjoni lill-oħrajn imma nippretendu kollox mingħandhom.

Irid jinstab bilanċ fil-ħajja miżżewġa bejn dak li hu tal-individwu u dak li hu tal-familja. Irid ikun hemm ħin biex kull membru jsib iċ-ċans li jiżviluppa lilu nnifsu u fl-istess ħin jaqsam ukoll it-talenti tiegħu mal-membri l-oħra tal-familja. Il-koppja trid tiftakar li ż-żwieġ m'għandux biss dmirijiet iżda wkoll drittijiet, jiġifieri ma nistgħux nieħdu lil xulxin *for granted*. L-imħabba hija l-għotja reċiproka li tirrispetta l-individwalità tal-persuna daqskemm tippretendi l-għaqda u l-koperazzjoni.

Iż-żwieġ huwa rabta bejn **tlieta** - Alla, il-mara u r-raġel, li bejniethom hemm għaqda sħiħa u fl-istess ħin libertà meqjusa. Il-katekiżmu dwar iż-żwieġ u l-familja jgħidilna: *"Iż-żwieġ huwa vokazzjoni, sejħa ġejja minn Alla… fiż-żwieġ mhux biss il-koppja jinħabbu flimkien, iżda Alla wkoll jintrabat magħhom hekk li l-familja tagħhom issir il-familja t'Alla."* Din hija missjoni u vokazzjoni qawwija ħafna li titlob mill-miżżewġin att ta' responsabbiltà kbira speċjalment fil-mumenti diffiċli bħal mard, inkwiet, nuqqas ta' qbil u sitwazzjonijiet oħra li jistgħu jwasslu għal firda u ġlied bejn il-koppja. Il-Papa Franġisku jfakkar li l-miżżewġin jieħdu sehem fil-missjoni tal-Knisja, u jkompli: *"Trid il-kuraġġ biex tagħmel dan! Għalhekk meta jiena nsellem lill-miżżewġin ġodda ngħidilhom: Ara l-kuraġġużi! Għax trid il-kuraġġ biex tħobb kif Kristu jħobb lill-Knisja."*



**Naħsbu u niddiskutu**

- Hu possibbli li l-miżżewġin jibqgħu jirrispettaw lil xulxin f'dinja fejn kulħadd jiġbed għal rasu?
- Kemm hu possibbli li nsibu ħin għalina mingħajr ma nabbandunaw id-doveri tagħna fil-familja?
- X'nifhmu meta ngħidu li l-imħabba ma tfittixx dak li hu tagħha?

**Fedeltà sal-aħħar –**
**Beata Eliżabetta Canori Mora**

Eliżabetta Canori Mora hi eżempju ħaj ta' kif l-imħabba fiż-żwieġ tibqa' sal-mewt anki meta jkun hemm tbatija kbira. Hi għexet bejn l-1774 u l-1825. Kienet ġejja minn familja sinjura minn Ruma. Iżżewġet lil Cristoforo Mora u l-ewwel xhur taż-żwieġ tagħhom kien żmien ta' ferħ kbir. Maż-żmien l-imħabba bdiet tinbidel f'għira għax ir-raġel tagħha ried lil Eliżabetta għalih biss. Maż-żmien tilef kull interess fiha u beda jibdilha ma' nisa oħra. Huma kellhom żewġt ibniet u Eliżabetta kienet toffri s-sofferenza tal-krudeltà u n-nuqqas ta' interess tar-raġel tagħha biex hu jikkonverti. Cristoforo kien iberbaq il-ġid kollu tal-familja u Eliżabetta bil-paċenzja kollha kienet titħabat biex tlaħħaq mal-ħajja u tagħti edukazzjoni u trobbija tajba lil uliedha. Filwaqt li ħafna ħbieb bdew jagħtuha parir biex titlaq lir-raġel tagħha hi baqgħet temmen fil-



wegħdiet taż-żwieġ u li Alla jibqa' jagħtiha l-kuraġġ. Hi baqgħet titlob għar-raġel tagħha u tħobbu u ħeġġet lil uliedha biex qatt ma jobogħdu jew jinkorlaw għal missierhom. Hi baqgħet fidila sal-aħħar u fil-punt tal-mewt offriet l-aħħar kelmiet għall-konverżjoni ta' żewġha. Meta ra din il-mewt hekk qaddisa, Cristoforo kkonverta u biddel ħajtu. Hu għex il-bqija ta' ħajtu bħala patri Franġiskan. Eliżabetta ġiet beatifikata mill-Papa San Ġwanni Pawlu II fl-1994.

**X'nista' nagħmel jien fil-komunità:**

- Hemm bżonn li ma nippretendix li dejjem tgħaddi tiegħi.
- Nifhem li ħaddieħor għandu drittijiet daqskemm għandi jien.
- Nikkontribwixxi fil-parroċċa kull fejn nista' ngħin.





# Skema 7
# L-imħabba - xejn ma tinkorla

Kulħadd ħin jew ieħor ikollu mumenti ta' rabja, ta' korla. Hija emozzjoni naturali fil-bniedem li, meta ffaċċjat b'sitwazzjoni li tista' tkun ta' theddida għalih innifsu, għal dawk għeżież għalih, għall-propjetà tiegħu, għall-identità personali, jirreaġixxi b'din l-emozzjoni intensa. Naturalment hemm firxa wiesgħa ħafna li tiddefinixxi din ir-reazzjoni. Bħala emozzjoni umana naturali hija waħda pożittiva, li tagħti xhieda esterna ta' dak li tkun qed tħoss ġewwa fik. Għaliex il-bniedem ma jikkomunikax biss bil-kliem, iżda wkoll bil-ġesti, bl-atteġġjament. Iżda meta dak li jkun iħalli r-rabja tirkbu, din l-emozzjoni tieħu dimensjoni aktar qawwija, possibbilment bl-użu wkoll tal-vjolenza li mhux neċessarjament tkun biss fiżika. Hekk issir emozzjoni negattiva, emozzjoni li tkisser, ta' ostilità. Fl-ilsien Malti aħna xxurtjati li nagħmlu distinzjoni bejn dawn it-tnejn billi nużaw żewġ kelmiet, ***rabja*** u ***korla***, li jirreferu għall-aspetti differenti ta' din l-emozzjoni. Eżempju tipiku ta' rabja nsibuh fl-Evanġelju skont San Ġwann, kapitlu 2, meta Ġesù jżur it-tempju:

[14]*Fit-tempju sab min qiegħed ibigħ barrin, nagħaġ u ħamiem, u min kien bilqiegħda jsarraf il-flus.*[15] *Għamel sawt mill-ħbula, u keċċiehom ilkoll 'il barra mit-tempju, bin-nagħaġ u l-barrin tagħhom; xerred il-flus ta' dawk li kienu jsarrfu, u qalbilhom l-imwejjed.*[16] *U lill-bejjiegħa tal-ħamiem qalilhom: "Warrbu dawn minn hawn, u dar Missieri tagħmluhiex dar tan-negozju!"* [17] *Id-dixxipli ftakru f'dak li kien hemm miktub fl-Iskrittura, "Il-ħeġġa għal darek fnietni."*

Hija r-reazzjoni ta' Ġesù quddiem id-diżordni, in-negozju qarrieq, in-nuqqas ta' rispett. Hija frott tal-għaqda ta' mħabba ta' Ġesù mal-Missier, propju kif tixhed l-aħħar frażi: *"Il-ħeġġa għal darek fnietni."* Hija l-azzjoni fil-pront li Ġesù jieħu biex jiddefendi l-batut u l-fqir, li kien jiġi sfruttat minn dawk il-bejjiegħa meta jersaq biex isarraf il-flus Rumani fi flus tat-tempju, u biex jixtri l-annimal jew tajra għas-sagrifiċċju. Ġesù quddiem dawn l-inġustizzji ma jibqax sieket, anzi jkun drastiku u radikali ħafna.

San Pawl jgħidilna li l-imħabba xejn ma tinkorla. Veru. Għax kif tista' tinkorla ma' dawk għeżież għalik? Kif tista' tkun kattiv u vjolenti ma' martek/żewġek, ma' wliedek, ma' qrabatek? Papa Franġisku, fil-bolla *Misericordiæ Vultus*, jikteb: *"Li nwarrbu l-korla, ir-rabja, il-vjolenza u l-vendetta hi kundizzjoni meħtieġa biex nistgħu ngħixu henjin."* U jkompli bi stedina msejsa fuq il-kitba ta' San Pawl: *"Mela ejjew nilqgħu l-eżortazzjoni tal-Appostlu: "Tħallux ix-xemx tgħib fuq il-korla tagħkom."* (Efes. 4, 26) *U fuq kollox nisimgħu l-kelma ta' Ġesù li qegħdilna l-ħniena bħala ideal ta' ħajja u bħala kriterju ta' kredibbiltà għall-fidi tagħna: "Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena"* (Mt. 5, 7) *hi l-beatitudni li lejha għandna nitnebbħu b'impenn partikulari matul din is-Sena Mqaddsa.* (MV 9, 3)

Il-Papa jkompli: *"Santu Wistin ... jgħid: "Iktar faċli għal Alla li jżomm lura l-korla milli l-ħniena." Hekk hu tassew. Il-korla ta' Alla ddum biss ftit tal-ħin, waqt li l-ħniena tiegħu tibqa' għal dejjem."* (MV 21)



**Naħsbu u niddiskutu**

Papa Franġisku jikteb: *"Alla ma jegħja qatt inewlilna idu. Dejjem lest biex jisma', u anki jien lest nagħmel dan, kif inhuma ħuti l-isqfijiet u s-saċerdoti."* (MV 19.3)



- Bħala Nisrani, bħala membru sħiħ fil-Knisja, jiena lest li, bħall-Papa, l-isqfijiet u s-saċerdoti, innewwel idi anke lil min f'mumenti ta' rabja ma jkunx qabel miegħi?
- Fil-familja tiegħi, kif inġib ruħi meta l-mewġ tal-ħajja jibda jħabbat skont kurrent differenti minn dak li nippretendi jien?
- Kapaċi ngħodd sal-mija (jew anke aktar, skont il-bżonn) biex ma nħallix il-korla tirbaħni?

**Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak** (27, 30 - 28, 1-7)
**L-Għadab**
[30] Għadab u qilla, dawn ukoll ta' *min*
*jistmerrhom, u l-bniedem midneb*
*mimli bihom.* [28:1] *Min ifittex jitħallas*
*b'idejh, isib ħlasu mingħand il-Mulej, li*
*jifli sewwa dnubietu.* [2] Aħfer il-proxxmu
dnubietu, u mbagħad titlob u dnubietek
jinħafrulek. [3] *Bniedem irawwem għadab*
*għal ieħor, u mbagħad se jfittex fejqan*
*mingħand il-Mulej?* [4] *Minn bniedem*
*bħalu m'għandux ħniena, u mbagħad*
*se jitlob għal dnubietu?* [5] *Jekk bniedem*
*jibqa' mgħaddab, min se jpattilu għal*
*dnubietu?* [6] *Ftakar fl-aħħar ta' ħajtek, u*
*ieqaf mill-mibegħda; ftakar fit-taħsir u*
*l-mewt, u oqgħod għall-kmandamenti.*
[7] *Ftakar fil-kmandamenti u tobgħodx*
*il-proxxmu; ftakar fil-patt tal-Għoli u*
*agħlaq għajnejk għall-offiża.*

**X'nista' nagħmel jien fil-komunità**

- Bħala Grupp insibu żmien adatt matul is-sena u norganizzaw Ġimgħa Familja, fi stil soċjoreliġjuż. Din tista' tieħu diversi forom, primarjament li tingħata taħdita pubblika kuljum minn kelliema professjonali mistiedna u mħarrġa skont is-suġġett li jkun. Koppji għarajjes u miżżewġa jiġu mistiedna biex jattendu għal dawn it-taħditiet, li m'għandhomx jieħdu tul ta' ħin.



# Skema 8
# L-imħabba ma żżommx f'qalbha għad-deni

*Taħt is-salib, Marija flimkien ma' Ġwanni, id-dixxiplu l-maħbub, hi xhud tal-kelmiet ta' maħfra li joħorġu minn fomm Ġesù. L-ogħla maħfra offruta lil min sallbu turina sa fejn kapaċi tasal il-ħniena ta' Alla. Marija tixhed li l-ħniena tal-Iben ta' Alla ma tafx b'limiti u tilħaq lil kulħadd bla ma tħalli lil ħadd barra. Induru lejha bit-talba antika u dejjem ġdida tas-Salve Reġina, biex ma tehda qatt iddawwar lejna dawk l-għajnejn tagħha tal-ħniena u tagħmilna denji li nikkontemplaw il-wiċċ tal-ħniena, Binha Ġesù.* (MV 24.3)

Liema mara, anzi, liema bniedem, liema persuna, kapaċi tkun bħal Marija? Ieqaf ftit u aħseb... Għext ħajja fil-kwiet u fl-għożża tal-familja. Ibnek, uniku, frott ta' din it-trobbija sewwa, joħroġ fil-ħajja pubblika u jibda jwettaq ħidma ta' ġid fost il-fqar u l-batuti. U dawk li qegħdin f'pożizzjoni ta' awtorità, għax iħossuhom mhedda li dan ibnek se jikxfilhom il-maskra, iressquh quddiem il-ġustizzja taħt akkużi u premessi foloz, jixluh u saħansitra joqtluh biex żgur jeħilsu minnu. U quddiem storja bħal din, traġedja mill-aktar ħarxa, Marija tkun hemm: "Wieqfa kienet, imbikkija, l-Omm ħdejn Binha fit-tbatija, fuq salib imdendel." (mill-innu Stabat Mater). Marija taħt is-salib ma żżommx f'qalbha għad-deni li sewa ħajjet binha l-għażiż. Anzi, tkun l-aqwa xhud meta fil-preżenza tagħha Ġesù, minn fuq is-salib, ilissen il-kliem: "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu." (Lq. 23, 34) X'ħasset Marija dak il-ħin? Min jaf... forsi bejnha u bejn ruħha qalet: "Ara, dak li għallimtu fi tfulitu ma ntilifx." Għax minkejja li kienet taf li Ġesù huwa l-Messija bin Alla, kienet ukoll ommu.

Aħna mdorrijin nistħajlu dan ir-rakkont kif impitter f'tant kwadri famużi, kif rappreżentat f'tant films, kif muri fis-santi sbieħ u kuluriti ta' tfulitna. Iżda l-verità hija wisq aktar minn hekk. L-emozzjonijiet u l-ħsibijiet imħawda li kellhom dawk preżenti fuq il-Golgota jmorru wisq aktar lil hinn mill-istampa perfetta, kważi fotografika. Hija l-figura ta' Marija biss li tisboq dan kollu, għax tibqa' wieqfa sal-aħħar. Il-wegħda li għamlet fil-bidu tal-vjaġġ tagħha, "Ikun minni skont kelmtek" tibqa' l-ispirazzjoni ta' ħajjitha. Iċ-ċertezza li għandha f'Alla ma tittappan qatt u qalbha tibqa' safja l-bogħod mis-sentimenti ta' tpattija.



Aħna lkoll mistiedna li ma "nżommux f'qalbna għad-deni." Mhix faċli. Għax innatura umana, f'dan il-livell, pjuttost tieħu l-atteġġjament tal-istint u twarrab irraġuni. It-teorija tas-*survival of the fittest*, is-sopravivenza ta' min hu l-aktar abbli, l-aktar kapaċi, tieħu r-riedni f'idejha u twassalna biex lil min jgħamlilna d-deni npattuhielu, forsi bil-qares ukoll, biex żgur ma jażżardax jerġa' jattakkana.

Dan mhux l-atteġġjament tan-Nisrani. L-atteġġjament tagħna għandu jkun ispirat minn Ġesù msallab. *Xi ħadd ittrattak ħażin? Stħajjel lil Kristu Kurċifiss jgħidlek: Ħares 'l hawn u kkwieta, għax jiena għamilt il-ġid u ħallsuni bid-deni. Inti mweġġa' jew imnikket? Stħajjel lil Kristu Kurċifiss jgħidlek: Ħares 'l hawn u kkwieta għax jiena innoċenti f'baħar ta' uġigħ u ta' niket.* (minn *Dawl mill-Kurċifiss* ta' San Ġorġ Preca.)

Aħna lkoll imsejħa għall-qdusija. U dan irridu nilħquh permezz tal-vokazzjoni tagħna fiż-żwieġ. Mhux biss jien personali, iżda **AĦNA**, bħala koppja, bħala familja.

**Naħsbu u niddiskutu**

- Jiena lest li ma nżommx f'qalbi għal marti meta tonqosni?
  Jiena lest li ma nżommx f'qalbi għal żewġi meta jonqosni?
- Tiftakar meta kont mistoqsi: "Trid inti tieħu lil... b'martek u tweghidha li żżomm ruħek fidil lejha, **fir-risq it-tajjeb u l-ħażin**, fil-mard u fis-saħħa, u li tħobbha u tirrispettaha tul ħajtek kollha? " Tiftakar meta kont mistoqsija: "Trid inti tieħu lil... b'żewġek u twiegħdu li żżomm ruħek fidila lejh, **fir-risq it-tajjeb u l-ħażin**, fil-mard u fis-saħħa, u li tħobbu u tirrispettah tul ħajtek kollha?" Dak inhar weġibna: "Iva, irrid." U llum... xi nwieġbu?
- Ilkoll nafu l-parabbola hekk imsejħa tal-Iben il-Ħali. Illum insejħula wkoll il-Parabbola tal-Missier Ħanin. Quddiem l-atteġġjament ta' wliedek li jista' ma jkunx konformi mal-ideat tiegħek, lest li tkun ħanin u ma żżommx f'qalbek b'suppervja?



**Tippreferi l-mewt fuq id-dnub**

Santa Rita ta' Cascia twieldet f'Roccaporena, qrib Spoleto, l-Italja fl-1381. Minn ċkunita xtaqet il-ħajja monastika, iżda l-ġenituri anzjani tagħha insistew li tiżżewweġ fl-età ta' 12-il sena. Rita aċċettat dan bħala r-rieda ta' Alla f'ħajjitha. Żewġha Paolo Mancini, uffiċjal tal-belt, kien bniedem ta' karattru impetwuż. Minn dan iż-żwieġ li dam 18-il sena Rita kellha tewmin subien. Romlot meta żewġha ġie maqtul fi ġlieda għal raġunijiet politiċi. Uliedha ħalfu li jpattuha lill-qattiel ta' missierhom, iżda Rita talbet li aħjar Alla jeħodhom milli jwettqu dnub hekk ikrah. Alla sema' l-karba ta' Rita u wliedha mietu b'kawżi naturali f'qasir il-għomor. Wara ħafna taqtigħ il-qalb, fl-età ta' 36 sena Rita ġiet aċċettata fil-kunvent tal-Agostinjani f'Cascia. Għexet ħajja ta' awsterità, sagrifiċċju u qdusija. Tibqa' mfakkra bħala l-qaddisa tal-impossibli, li rċiviet il-pjaga tax-xewka mill-kuruna tax-xewk ta' Ġesù. Pjaga li għexet biha għal 15-il sena sħaħ. Rita għaddiet għall-ħajja ta' dejjem nhar it-22 ta' Mejju, 1457.



Ġisimha ma rax it-tħassir tal-mewt u għadna nistgħu nżuru u naraw lil Santa Rita sal-ġurnata tal-lum fis-santwarju tagħha f'Cascia.

**X'nista' nagħmel jien fil-komunità**

- Inwassal l-għaqda u l-armonija permezz tax-xhieda tiegħi bħala Nisrani.
- Bħala grupp, matul dan ix-xahar ta' Awwissu li fih niċċelebraw il-festa ta' Santa Marija, norganizzaw Jum iż-Żwieġ u l-Familja tul il-ġranet tal-kwindiċina tal-Assunta.
- Inżommu fl-intenzjoni tat-talb tagħna lil dawk il-bniet madwar id-dinja li fi tfulithom jiġu mġiegħla jiżżewġu bilfors minkejja l-età żgħira tagħhom.





# Skema 9
# L-imħabba ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità

Il-kelma ġustizzja hija kelma li tista' tiftiehem b'modi differenti. Normalment, meta nisimgħu l-kelma ġustizzja, aħna jiġina f'moħħna l-fatt li kulħadd jieħu dak li ħaqqu. Persuna hija ġusta jekk hija timxi bil-fier ma' kulħadd, u allura ma tagħmilx preferenzi, ma tħarisx lejn l-uċuh. Huwa propju għalhekk li jingħad li l-liġi hija ugwali għal kulħadd u li l-kwalità tal-ġustizzja hija rappreżentata minn mara b'għajnejha mgħottija u bil-miżien f'idejha.

Iżda l-Bibbja tippreżentalna mod ieħor kif nifhmu l-kelma ġustizzja. Huwa veru li l-Bibbja tkellimna dwar Alla bħala xi ħadd ġust... jiġifieri bħala xi ħadd li jħallas lil kull wieħed skont it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel. (ara Rum. 14,12; 2 Kor. 5,10)

Iżda, fid-dawl tal-Bibbja, hemm sens ieħor kif nifhmu l-kelma ġustizzja, speċjalment meta hija applikata għall-bniedem u għall-għemil tiegħu. Fl-Evanġelju nsibu tlieta min-nies li huma msejħa ġusti: San Mattew jgħidilna li Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, *kien raġel ġust* (Mt. 1, 19); San Luqa jgħidilna li Zakkarija u Eliżabetta, il-ġenituri ta' Ġwanni l-Battista *kienu nies ġusti quddiem Alla* u jkompli biex jgħidilna dan xi jfisser: *kienu jimxu bla nuqqas ta' xejn skont il-kmandamenti u l-preċetti tal-Mulej.* (Lq. 1, 6) Mela, hawnhekk b'ġustizzja għandna nifhmu ħajja tajba skont ir-rieda ta' Alla.

Dawn iż-żewġ kunċetti jew tifsiriet tal-kelma ġustizzja mhumiex kontra xulxin, anzi jikkumplimentaw lil xulxin. Li tkun ġust ifisser li tagħmel dak li hu xieraq u sewwa u dan jimplika li timxi b'imħabba ma' kulħadd kif irid Alla. Għalhekk San Pawl jgħid li l-imħabba ma tifraħx bl-inġustizzja... anzi tifraħ bil-verità (bis-sewwa).

**Nistaqsu u nirriflettu:** Nistgħu ngħidu li aħna tassew ġusti fiż-żewġ tifsiriet tal-kelma? Xi ngħidu għall-imġieba tagħna bejnietna bħala miżżewġin, ma' wliedna, ma' kull min inħabbtu wiċċna miegħu?

**Ġustizzja u ħniena**

Huwa f'dan id-dawl li rridu naqraw dak li jgħidilna l-Papa Franġisku fil-*Misericordiæ Vultus* meta fil-paragrafu 20 jitkellem dwar il-ġustizzja u l-ħniena. Il-ħniena twassalna biex fil-ħajja tagħna ma nkunux legalisti; jiġifieri ma ninqdewx bil-liġi biex niġġudikaw u nikkundannaw lill-oħrajn. Fost l-oħrajn, il-Papa jgħid hekk: *"Quddiem il-viżjoni ta' ġustizzja sempliċement bħala osservanza tal-liġi, li tiġġudika billi tifred il-persuni bejn tajbin u ħżiena, Ġesù jinsisti fuq id-don kbir tal-ħniena li tfittex lill-midinbin biex toffrilhom il-maħfra u l-fidwa."* M'hemmx dubju li l-ġustizzja t'Alla hija kbira, imma wkoll m'hemmx dubju li l-ħniena tiegħu hija bla qies... ma hemmx limitu għaliha. Bir-raġun kollu, San Ġorġ Preca darba qal lis-soċji tiegħu: *"Meta ktibt fuq il-ġustizzja t'Alla, ħassejtni nitwerwer; meta ktibt fuq il-ħniena t'Alla ħassejtni f'ħoġru bħal fil-fsied."* Sabiħa f'dan ir-rigward it-talba tal-bidu tal-quddiesa tas-26 Ħadd ta' matul is-sena, li jsemmi wkoll il-Papa fil-paragrafu 6 tal-*Misericordiæ Vultus*, fejn lil Alla ngħidulu: *"O Alla, inti tagħtina l-aqwa xhieda tas-setgħa tiegħek bla tarf billi taħfrilna u tħenn għalina..."*



Quddiem dan, ma jistax jonqos li aħna lkoll mistiedna biex nuru ħniena ħalli b'hekk inkunu nixbhu lil Alla bħala wlied maħbuba. Il-Knisja, u allura aħna lkoll bħala membri tagħha, *"tgħix bix-xewqa bla temma li toffri ħniena."* (*Evangelii Gaudium* 24) Huwa biss jekk nuru ħniena mal-oħrajn, illi jkun jistħoqqilna l-ħniena u l-maħfra ta' Alla għax kif jgħidilna San Ġakbu, *"il-ħaqq ikun bla ħniena għal min ma jurix ħniena; il-ħniena tirbaħ fuq il-ħaqq."* (Ġak. 2, 13)

**Nistaqsu u nirriflettu:** Fil-familja u kull fejn inkunu, kemm aħna kapaċi niddistingwu bejn il-persuna u l-għemil tagħha b'mod li nibqgħu nuru mħabba u ħniena, mogħdrija u maħfra vera dejjem u ma' kulħadd?

**L-imħabba u x-xhieda għall-verità – San Tumas More**

L-aħħar kelma: li turi ħniena u kompassjoni ma jfissirx li twarrab il-verità. Waqt li aħna għandna naċċettaw u nidjalogaw ma' kulħadd, fl-istess waqt għandna nixhdu għall-verità. L-imħabba vera twassalna biex ma niġġudikaw u nikkundannaw lil ħadd... u dan nagħmluh waqt li bl-imħabba nipproponu l-verità tal-Kelma t'Alla li tagħmilna tassew ħielsa. (ara Ġw. 8, 32)

F'dan il-rigward nieħdu l-eżempju ta' San Tumas More. Kellu l-għola pożizzjoni (dik ta' Kanċillier) fis-saltna tal-Ingilterra



fi żmien ir-Re Enriku VIII meta dan kisirha mal-Papa għax ma riedx jagħtih divorzju biex ikun jista' jiżżewweġ mara oħra. Enriku VIII iddeċieda li jinqata' mill-Knisja Kattolika u jwaqqaf knisja għal rasu u fil-proċess ikkundanna għall-mewt lil dawk li ma qablux miegħu, fosthom lil Tumas More. Tumas More beda jiġi mħajjar biex jaqbel mar-Re. F'ħin minnhom, id-Duka ta' Norfolk jgħidlu: *"Allura, Sir Thomas, dawn li aċċettaw dak li qed jgħid ir-Re huma kkundannati?"* U Tumas More wieġbu: *"Jien m'għandi l-ebda tieqa biex inħares fil-kuxjenza tal-oħrajn. Jien ma nikkundanna lil ħadd."* U baqa' jixhed għall-verità saħansitra bit-tixrid ta' demmu.

**Nistaqsu u nirriflettu:** Quddiem opinjonijiet differenti minn tagħna, kemm aħna kapaċi nkunu tolleranti u fl-istess waqt xhieda għall-verità?



# Skema 10
# L-imħabba kollox tagħder, kollox temmen

Il-lista li jagħtina l-Appostlu Pawlu fil-kapitlu 13 tal-Ewwel Ittra tiegħu lill-Korintin u li fuqha qed nirriflettu f'dawn il-laqgħat tagħna, nistgħu nqisuha bħala lista ta' punti prattiċi dwar kif nistgħu ngħixu l-kmandament tal-imħabba li jikkaratterizza l-ħajja fi Kristu, il-ħajja tal-fidi. U għalhekk meta llum qed nisimgħu lil San Pawl jgħidilna li l-imħabba kollox temmen, donnu qed jgħidilna li min iħobb jemmen u, bil-maqlub, min jemmen iħobb.

Kien Ġesù stess li ġabar il-liġi kollha fil-kmandament wieħed tal-imħabba. (ara Mt. 22, 34-40) San Pawl jgħidilna li min iħobb ikun qiegħed josserva l-milja tal-liġi. (Rum. 13, 10) Imbagħad, l-Appostli San Ġwann u San Ġakbu, fl-ittri tagħhom, jgħidulna li l-imħabba hija l-ħajja tal-fidi. Dan ifisser li mingħajr l-imħabba, il-fidi ma tagħmilx sens. Il-fidi mingħajr imħabba hija mejta. L-imħabba u l-fidi jmorru id f'id flimkien... l-imħabba temmen, bħalma l-fidi tħobb.

Meta jiena nħobbok tassew, jiena nkun qed nemmen fik. Meta jiena nħobb, jiena nkun qed inpoġġi l-fiduċja tiegħi f'dak jew dik li jiena nħobb. L-imħabba tkeċċi minni kull dubju dwarek: nemmen fil-kapaċitajiet tiegħek, fir-rieda tajba tiegħek, fis-sinċerità tiegħek. U dan nibqa' nagħmlu wkoll meta d-dgħufija tagħmel tagħha u twassal għal xi nuqqas.

Propju fid-dawl ta' dan, irridu nifhmu wkoll il-parti l-oħra li għandna għar-riflessjoni tagħna llum: l-imħabba kollox tagħder.

Meta u jekk jiena nħobb lil xi ħadd, allura ma jistax jonqos li jiena nkun nemmen fih. Dan ikun ifisser li jiena nkun lest li nagħdru meta jonqos. Jekk jien verament inħobb lil xi ħadd, jiena nibqa' nħobbu wkoll jekk ikun żbalja... ukoll jekk ikun weġġagħni. Il-mogħdrija twassalni biex jiena jkolli kompassjoni ma' min jiżbalja u nasal ngħinu biex jirranġa u jsewwi l-iżball tiegħu. Wara kollox ma rridux ninsew li ħadd minna għadu ma wasal għall-perfezzjoni, imma lkoll ninsabu f'mixja lejha.

Kunċett marbut ma' dan kollu huwa dak tal-pellegrinaġġ li minnu nnifsu huwa marbut mal-idea tal-Ġublew jew tas-Sena Mqaddsa. Kull meta aħna niċċelebraw Sena Mqaddsa, aħna niġu mfakkra li aħna ninsabu miexja lejn id-destinazzjoni aħħarija tagħna li hija l-għaqda sħiħa tagħna mal-Missier u mal-oħrajn. Allura niġu mfakkra li aħna ninsabu f'mixja u għalhekk fil-bżonn ta' konverżjoni kontinwa. Din is-sena tal-ħniena hija għalina stedina biex *"inħallu l-ħniena ta' Alla tħaddanna magħha u nħabirku biex aħna wkoll nuru ħniena mal-oħrajn kif il-Missier juri magħna."* (ara *Misericordiæ Vultus*, paragrafu 14)

Mela, matul din is-sena tal-ħniena, aħna għandna nuru mogħdrija u ħniena ma' xulxin biex insostnu lil xulxin fil-mixja tagħna f'din id-dinja lejn is-sema pajjiżna. Dan irridu nagħmluh fil-ħajja tagħna ta' kuljum... fl-affarijiet iż-żgħar ta' kuljum. Il-qdusija ma tinkisibx bl-affarijiet il-kbar li jiġru darba kultant imma fl-affarijiet żgħar li jsawru kull ġurnata tal-ħajja tagħna.

**Nistaqsu lilna nfusna**

- Kemm hija kbira u qawwija l-fiduċja tagħna f'xulxin? San Pawl, meta jikteb lill-Filippin, jgħidilhom: *"Kull wieħed minnkom iqis lill-ieħor aħjar minnu."* Nista' ngħid li l-fiduċja tiegħi fl-ieħor/fl-oħra hija tali li nista' ngħid li qed ngħix dan il-kliem?
- Meta xi ħadd minna jonqos u forsi wkoll iweġġa' lill-parti l-oħra, xi tkun ir-reazzjoni tagħna? Nagħdru u nikkumpatixxu lil xulxin?
- Bl-attitudni tagħna lejn xulxin, ninkoraġġixxu lil xulxin biex nibqgħu miexja flimkien 'il quddiem?

**Il-Koppja Casolani**

Meta f'Awwissu 2015 ġiet imnedija l-kawża għall-beatifikazzjoni u l-kanonizzazzjoni tal-koppja Henry u Inez Casolani, ħafna staqsew min kienu. U forsi bir-raġun; għax ma kinux xi nies ta' ħajja spettakolari u lanqas ma wettqu xi mirakli fil-ħajja tagħhom. Għexu ħajja sempliċi mimlija mħabba lejn xulxin, lejn binthom u lejn kulħadd fl-affarijiet iż-żgħar ta' kuljum.

Nistgħu nsemmu xi ftit punti mill-editti li bihom il-kawża tagħhom ġiet imħabbra fil-knejjes tagħna nhar it-23 t'Awwissu 2015:

Minn tfulitu sa ma miet, Henry Casolani kien bniedem ġentili, edukat u ta' qalbu f'idu. Ma' dawk kollha li kienu jafuh kellu



reputazzjoni ta' 'appostlu tal-paċi'. Henry qatt ma qal kelma kontra ħadd. Kien jara t-tajjeb f'kull bniedem u mhux id-difetti li kien hemm fih. Ma kienx jiġġudika lill-oħrajn. Kien ifaħħar biss! Kien kapaċi jaħfer, u jpatti bil-ġid id-deni u l-inġustizzji li kien jirċievi.

Ħafna nies sabu l-faraġ f'Inez Casolani għax Inez tant kienet tidħol fil-qalb tal-bniedem u tifhem u tgħin u tagħder lil dak li jkun! Kienet iżżur lill-morda fl-isptarijiet – mhux biss lil dawk li ħabbewha iżda anki lil dawk il-persuni li wrew qalb iebsa magħha. Atti ta' karità għamlithom ma' kulħadd – hu min hu – anki ma' dawk li wrew indifferenza u inġustizzja magħha. Fatt nobbli f'Inez huwa li, bħal Henry, l-opri tal-ħniena li għamlet, dejjem żammithom misturin. Kienet kapaċi ssofri bil-paċenzja kull nuqqas, kull ċanfir u kull tkasbir li rċeviet mingħand ħaddieħor. L-imħabba tagħha lejn Alla rebbħitha fuq kull diffikultà u kull weġgħa li ltaqgħet magħha.

Henry u Inez Casolani kellhom karattri kompletament differenti minn ta' xulxin iżda sabu l-mod kif jiftehmu u jkunu ħaġa waħda f'dak li hu fundamentali: l-unità fl-imħabba ta' Alla u fil-mixja dejjem 'il quddiem fil-prattika tat-tagħlim ta' Ġesù. Fid-dar tagħhom kien hemm ambjent qaddis.

Henry Casolani għex iż-żwieġ tiegħu b'impenn, b'fedeltà u b'entużjażmu fuq it-twemmin li 'dak li jgħaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem'. Bħal martu Inez, kien jisħaq ħafna fuq dan. Il-familja kienet il-milja ta' ħajtu u ż-żwieġ tiegħu mat-twajba Inez kien benniena ta' mħabba u ta' qdusija. Għenu lil xulxin jitqaddsu huma l-ewwel fil-familja u mbagħad għaddew din il-mira lin-nies ta' madwarhom.



# Skema 11
# L-imħabba kollox tittama, kollox tissaporti

Jekk, kif rajna x-xahar l-ieħor, hemm rabta kbira bejn l-imħabba u l-fidi / fiduċja u għedna li min iħobb jemmen u min jemmen iħobb, dan ix-xahar nirriflettu dwar ir-rabta li hemm bejn l-imħabba u l-virtù teologali l-oħra, it-tama. L-imħabba kollox tittama. Nistgħu bla tlaqliq ngħidu mhux biss li min iħobb jittama, iżda wkoll li l-imħabba hija l-bażi tat-tama u wkoll dik li tagħti sens lit-tama.

**L-imħabba hija l-bażi tat-tama**

L-Appostlu Pawlu jgħidilna li *"t-tama ma tqarraqx bina,"* u dan għaliex *"l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna."* (Rum. 5, 5) Ħafna drabi aħna għandna t-tendenza li meta nitkellmu fuq ħajja Nisranija jew qdusija, dak li jkollna f'moħħna jkun l-għemejjel li nagħmlu aħna u li permezz tagħhom nuru li aħna qed ngħixu ħajja tajba. Imma tajjeb wieħed jiftakar li dak kollu li nagħmlu, aħna kapaċi nagħmluh bil-għajnuna ta' Alla… **u iżjed minn hekk**… li dak kollu li nagħmlu, aħna nistgħu nagħmluh għax Alla ħabbna u jibqa' jħobbna. Jiena nista' nħobb lil Alla għax hu ħabbni l-ewwel. Dan jgħidulna l-Appostlu San Ġwann fl-ewwel ittra tiegħu: *"U hawn qiegħda l-imħabba; mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna."* (1 Ġw. 4, 10) Huwa għalhekk li t-tama tagħna ma tqarraqx bina għax kif jgħidilna diversi drabi l-Appostlu Pawlu, fidil u ta' kelmtu huwa Alla tagħna; ukoll jekk aħna nonqsuh mill-kelma, *"hu jibqa' jżomm kelmtu."* (2 Tim 2, 13; ara wkoll 1 Kor. 1, 9; 1 Tess. 5, 24; 2 Tess. 3, 3) It-tama tagħna ssib il-bażi tagħha fl-imħabba bla qies li Alla għandu għalina u li qatt ma tiġi nieqsa, għaliex, kif konna ngħidu fl-Att tat-Tama, hu jista' kollox, kollu ħniena, qatt ma jonqos mill-wegħdiet tiegħu u huwa tjieba infinita. L-imħabba ta' Alla timliena bit-tama, kif jgħid il-Papa Franġisku: *"Ħadd ma jista' jqiegħed limitu għall-imħabba ta' Alla li jaħfer. Hu pjaċir tiegħi li fil-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni sa nkun nista' niftaħ il-Bieb Imqaddes. F'din l-okkażjoni dan sa jkun Bieb tal-Ħniena, li kull min jidħol minnu jkun jista' jduq l-imħabba ta' Alla li jfarraġ, li jaħfer u li jimla bit-tama."* (MV 3)



**Min iħobb jittama… jissaporti**

Din it-tama li ssib l-għeruq tagħha fl-imħabba t'Alla, titlob minna wkoll li aħna nittamaw fl-oħrajn. Bħalma Alla qatt ma jaqta' qalbu minna, hekk aħna m'għandna qatt naqtgħu qalbna minn xulxin… dejjem hemm lok għal bidla għall-aħjar. U għalhekk San Pawl jgħidilna li l-imħabba mhux biss kollox tittama imma wkoll li l-imħabba kollox tissaporti. Kif jgħidilna l-Papa Franġisku, *"Alla ma jegħja qatt jaħfer; … (hu) li stedinna biex naħfru "sa sebgħa u sebgħin darba"* (Mt. 18, 22) *jagħtina hu l-eżempju: Hu jaħfer għal sebgħa u sebgħin darba. Jerġa' lura biex jerfagħna fuq spallejh darba wara l-oħra. … M'hemm xejn aqwa mill-ħajja tiegħu li tixprunana biex nimxu 'l quddiem!"* (*Evangelii Gaudium*, 3)

Fuq l-eżempju ta' Alla nnifsu, aħna għandna nagħmlu minn kollox biex nissaportu lil xulxin, biex nagħdru, naħfru u ninkoraġġixxu lil xulxin. Hawnhekk tajjeb wieħed jagħmel punt dwar xi jfisser li wieħed jissaporti lill-ieħor. Dan ma jfissirx li wieħed għandu jippermetti li jiġi mċaħħad mid-dinjità tiegħu. Waqt li qatt ma tonqos it-tama tagħna f'xulxin u nkunu dejjem lesti li naħfru, min-naħa l-oħra mhux il-każ li wieħed jippermetti jew joqgħod għall-affarijiet li jfieru d-dinjità tagħna. Hekk, per eżempju, mhuwiex aċċettabbli li xi ħadd jiġi msawwat u għandna nagħmlu minn kollox biex ħaġa bħal din tiġi evitata u fejn teżisti, tiġi mwaqqfa bil-mezzi kollha leġittimi.

**Nistaqsu lilna nfusna**

- Li tibqa' tittama f'xi ħadd li jiżbalja mhix ħaġa faċli! Iżda l-imġiba t'Alla magħna tistedinna u tinkoraġġina biex dan nagħmluh. X'taħseb?
- Is-sabar u l-paċenzja mhumiex waħda mill-kwalitajiet tagħna l-bnedmin tal-lum. Għandu jkun hemm limitu għall-paċenzja? Sa kemm għandi ndum nissaporti?
- Qatt ġieni dubju mill-fatt li Alla huwa fidil u jibqa' jżomm kelmtu? … jew inkella mill-ħniena u l-maħfra tiegħu? F'dan il-kuntest, kif inħares lejn is-Sagrament tal-Qrar?



**Il-Profeta Ħosegħa: sinjal tal-ħniena t'Alla li qatt ma tiġi nieqsa**

Il-profeta Ħosegħa fl-Antik Testment, jiżżewweġ mara prostituta, Gomer, u minna jkollu tliet ulied. Iżda jiġri li din il-mara terġa' lura għall-ħajja tagħha l-imgħoddija. Il-Profeta ma jaqtax qalbu minnha u jifdiha minn idejn dawk li kienu qed jassruha u jilqagħha mill-ġdid bħala martu.

Minn din l-imġieba tal-Profeta Ħosegħa, Alla jagħmel sinjal tal-ħniena tiegħu mal-poplu ta' Israel li jħalli lil Alla li tant għamel miegħu biex imur wara allat oħra.

B'mod pożittiv Hosegħa jpoġġi quddiemna it-'tama': it-tama li l-mara prostituta għad tindem u terga' lura għand żewġha li jħobbha; it-'tama' li l-poplu li jaqa' għad jindem u jerġa' lura għand Alla li dejjem jibqa' jħobb.

Il-Profeta Ħosegħa jsir għalina wkoll sinjal u stedina biex nidħlu fil-profondità tal-ħniena divina biex ikollna l-grazzja li ngħixu u nimxu dejjem fil-maħfra ta' Alla u fil-fiduċja li ma tiġġarrafx fi mħabbtu. (ara *Misericordiæ Vultus*, 24)



# Skema 12
# L-imħabba ma tintemm qatt

*"F'din is-Sena tal-Ġublew, il-Knisja ssir eku tal-Kelma ta' Alla li tidwi qawwija u konvinċenti bħala kelma u ġest ta' maħfra, ta' tweżin, ta' għajnuna, ta' mħabba. Ma tegħja qatt toffri l-ħniena u tistabar dejjem fil-faraġ u l-maħfra li xxerred. Il-Knisja ssir leħen għal kull raġel u mara u ttenni b'fiduċja u bla waqfien: "Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek, għax huma minn dejjem, Mulej."* (Salm 25, 6)" (MV, 25.2)

Huwa b'dan id-diskors li l-Papa Franġisku jagħlaq il-Bolla tal-Indizzjoni tal-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena, *Misericordiæ Vultus*. Huwa kliem ta' tama kbira, anzi kliem ta' assigurazzjoni li Alla huwa u se jibqa' magħna għal dejjem. Kliem li jagħti skop għall-eżistenza tagħna, f'din il-mixja lejn il-ħajja ta' dejjem. U Ġesù waqqaf il-Knisja biex twennisna tul dan il-vjaġġ, biex tkompli ttina direzzjoni. Min hi l-Knisja? Hija jien, int, aħna l-imgħammdin, li permezz tal-kelma ta' Alla u t-tagħlim ta' Ġesù, inwieżnu lil xulxin b'imħabba, ħniena u faraġ.

Alla tant ħabb lill-bniedem, tant iħobbni, li sar wieħed bħalna. Ħa s-sura umana permezz tal-ġisem biex hekk seta' jgħix magħna fid-dinja, jgħix bħali l-ħajja ta' kuljum b'dak kollu li ġġib magħha: emozzjonijiet, diżappunti, weġgħat, ferħ, biki, tradiment, inġustizzja, ħbiberija. Fuq kollox għex l-esperjenza tal-Familja. Misteru kbir li jaf il-bidu tiegħu fil-ġrajja tal-inkarnazzjoni f'dak il-għar ta' Betlehem.

*"Għaliex iħobbna, Alla jixtieqna nkunu ferħanin u għalhekk jagħtina regola biex jiżguralna dan il-ferħ. Ġesù jgħidilna: "Ibqgħu fl-imħabba tiegħi... Dan hu li nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin."* (Ġw. 15, 12) *Billi l-imħabba hija ambigwa, Ġesù jagħtina l-mudell ta' kif għandna nħobbu: "Kif Missieri ħabb lili, hekk ħabbejtkom jien... Ħadd ma għandu mħabba akbar minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu."* (Ġw. 15, 9,13) (Il-Vjolenza tal-Imħabba - Omelija tal-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech fil-Konsagrazzjoni Episkopali ta' Mons. George Bugeja OFM).

**"Alla jħobb u ma jaf jagħmel xejn aktar."** Din hija d-deskrizzjoni oriġinali li Papa Franġisku jagħti lil Alla. (Dar Santa Marta - 28 ta' Marzu 2014) Anzi, f'din l-imħabba u maħfra bla tmiem, Alla qatt ma jirrifjuta xejn lill-bniedem, meta l-bniedem jitolbu dak li huwa ta' ġid għalih.



Kemm għalhekk tagħmel wisq aktar sens ir-risposta ta' Marija lill-anġlu: *"Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek!"* (Lq. 1, 38) Marija li tagħraf dak li jrid Alla minnha u għax konvinta mill-imħabba ta' Alla lejha tintelaq għar-rieda tiegħu. Hekk ukoll Ġesù, meta quddiem il-mument tal-prova fil-Ġnien taż-Żebbuġ, jistqarr : *"Abbà, Missier, kollox jista' jkun għalik; biegħed minni dan il-kalċi! Iżda mhux li rrid jien, imma li trid int."* (Mk. 14, 36-37)

**Naħsbu u niddiskutu:**

*[5] Qalilhom ukoll: "Wieħed minnkom ikollu ħabib li jiġih f'nofs ta' lejl u jgħidlu, 'Ħabib, islifni tliet ħobżiet, [6] għax ġie* għandi wieħed ħabib *tiegħi mill-vjaġġ u ma għandix x'nagħtih.' [7] U l-ieħor iwieġbu minn ġewwa u jgħidlu, 'Iddejjaqnix; issa l-bieb magħluq, u wliedi qegħdin fis-sodda miegħi; ma nistax inqum nagħtik.' [8] Ngħidilkom jien, li jekk ma jqumx jagħtih għax ħabib tiegħu, iqum u jagħtih kull ma jkollu bżonn minħabba l-wiċċ sfiq tiegħu. U jiena ngħidilkom: [9] Itolbu u jingħatalkom, fittxu u ssibu, ħabbtu u jiftħulkom. [10]* Għax min jitlob, jaqla'*; min ifittex, isib; u min iħabbat, jiftħulu. [11] Min hu dak il-missier fostkom li, jekk ibnu jitolbu ħuta, minflok ħuta jagħtih serp? [12] Inkella jekk jitolbu bajda jagħtih skorpjun? [13] Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar il-Missier mis-smewwiet jagħti spirtu qaddis lil dawk li jitolbuhulu!"* (Lq. 11, 5-13)

- "Ħu dan iċ-ċurkett, bħala sinjal ta' mħabbti u tal-fedeltà tiegħi lejk." Qiegħed ngħix din il-wegħda li għamilt dak inhar li żżewwiġt? Għadna "lesti li nħobbu u nirrispettaw lil xulxin tul ħajjitna kollha?"
- Kemm jien dispost nagħti l-għajnuna lil min hu bżonnha? X'nifhem b'għajnuna? Li nagħti donazzjoni ta' flus waqt xi maratona tissodisfali l-kuxjenza? Nieqaf hemm?
- Kemm jien lest li nħobb lil min m'għandux min iħobbu, min hu waħdu, min m'għandux ma min jiftaħ qalbu?

**Għax ħabbet vera, baqgħet tippersevera sal-aħħar**

Dak li nafu dwar Santa Monika (AD 331 - 387) nafuh fil-parti l-kbira mill-kitbiet ta' binha Santu Wistin, speċjalment L-Istqarrijiet. Monika hija mfakkra għall-virtujiet kbar Insara li kellha. Sofriet





fis-skiet l-adulterju ta' żewġha li kien pagan, filwaqt li ma hedietx titlob għall-konverżjoni tiegħu. Fil-fatt żewġha Patrizju wasal biex ikkonverta u tgħammed, sena biss qabel ma miet. Għaddiet ħajjitha titlob u tiġri wara binha Wistin biex jibdel ħajtu u jiskopri lil Alla. Ir-rakkonti popolari kollha jitkellmu dwar Santa Monika li ta' kull lejl kienet tibki bil-qalb u titlob bil-ħrara għall-konverżjoni ta' binha. Meta ta' 29 sena Wistin qabad u telaq minn Tagaste fl-Afrika ta' fuq, lejn Ruma, mingħajr lanqas biss ma sellem lil ommu, Monika marret warajh. F'Ruma saret taf li Wistin kien telaq lejn Milan, u għal darb'oħra telqet għal għonq it-triq biex issibu. F'Milan Wistin iltaqa' mal-Isqof Sant'Ambroġ. Monika wkoll kienet iżżomm lil Sant'Ambroġ bħala direttur spiritwali tagħha u fuq parir tiegħu għaqqdet madwarha fit-talb numru ta' nisa devoti. Nhar l-Għid il-Kbir tas-sena 387, Sant'Ambroġ għammed lil Wistin u diversi minn sħabu. Lura fit-triq lejn Tagaste, Monika ħasset li t-tmiem kien fil-qrib. Stqarret ma' binha: "Ibni, xejn aktar fid-dinja issa ma jtini l-ferħ. Ma nafx x'baqagħli nagħmel aktar, jew għaliex għadni hawn. Ix-xewqa kbira li kelli, issa hija maqtugħa." Kienet qed tirreferi għall-konverżjoni ta' binha. Ftit wara Monika mardet u wara agunija kiefra ta' disat ijiem għaddiet għall-ħajja ta' dejjem.

**X'nista' nagħmel jien fil-komunità:**

- Ħares madwarek u f'dan il-Milied wassal messaġġ ta' wens u mħabba lil min m'għandux familja u lil min huwa mwarrab mis-soċjetà.
- Bħala grupp fil-parroċċa, niċċelebraw il-festa tal-Familja Mqaddsa, il-Ħadd fl-Ottava tal-Milied. *(Peress li l-Milied fl-2016 jaħbat il-Ħadd, il-festa tal-Familja Mqaddsa ssir il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru.)*
- Nitolbu għall-konverżjoni ta' dawk bogħod minn Alla.
- Nitolbu għall-ommijiet tat-trabi li ġew maqtula fil-ġuf permezz tal-abort.



**"Kull ma tagħmel il-ħniena tal-bnedmin f'din id-dinja tpattih fis-sema l-ħniena ta' Alla."**

# KUMITAT ĊENTRALI 2016

**Gruppi Familji Nsara - Moviment ta' Kana**
**Istitut Kattoliku, Triq San Publiju - Floriana FRN 1441**
**www.gfnmalta.org**

**Koppja President - James u Marica Chappell**
Tel. 21451972, Mob. 79809001/2, E-mail: koppja-president@gfnmalta.org

**A/Chaplain Nazzjonali - Dun Karm Mercieca**
Tel. 22039319, Mob. 99825203, E-mail: a-chaplain-nazzjonali@gfnmalta.org

**Koppja Segretarja - Joseph u Melissa Anne D'Emanuele**
Tel. 21494140, Mob. 79068360, E-mail: koppja-segretarja@gfnmalta.org

**Koppja Teżoriera - Mario u Anna Zerafa**
Tel. 21311832, Mob. 79703049, E-mail: koppja-tezoriera@gfnmalta.org



# DISTRETT 'A'

**Koppja Distrettwali - Charlie u Rita Azzopardi**
Tel. 21497829, Mob. 79854180, E-mail: koppja-distrettwali-a@gfnmalta.org
Parroċċi: UP1 - Valletta (SP); UP2 - Gwardamanġa, Ħamrun (SG), Marsa (TQ), Santa Venera; UP3 - Birkirkara (SE), Fleur-De-Lys; UP4 - Ħal Lija; UP5 - Ħad-Dingli, Rabat; UP6 - Ħal Qormi (SB), Ħal Qormi (SĠ), Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ.

# DISTRETT 'B'

**Koppja Distrettwali - Anthony u Helen Attard Bason**
Tel. 21372701, Mob. 79860113, E-mail: koppja-distrettwali-b@gfnmalta.org
Parroċċi: UP7 - Mosta; UP8 - Burmarrad, Mellieħa, Qawra-Buġibba, San Pawl il-Baħar; UP9 - Msida; UP10 - Balluta; UP11 - Tal-Ibraġ, San Ġwann.

# DISTRETT 'Ċ'

**Koppja Distrettwali - Carmel u Helen Damato**
Tel. 21649785, Mob. 79551082, E-mail: koppja-distrettwali-c@gfnmalta.org
Parroċċi: UP12 - Paola (KR), Santa Luċija, Ħal Tarxien;
UP13 - Fgura, Marsaskala, Ħaż-Żabbar; UP14 - L-Isla, Kalkara;
UP15 - Birżebbuġa, Marsaxlokk, Żejtun; UP16 – Mqabba, Żurrieq.






# Talba tal-Bidu

Mulej, Grazzi talli tajtna lil xulxin bħala l-isbaħ rigal. Għinna biex inżommuk dejjem fiċ-ċentru tal-ħajja tagħna fiż-żwieġ, u biex, magħqudin flimkien, nibqgħu dejjem infaħħruk. Grazzi talli laqqajtna lkoll flimkien f'dan il-Grupp. Għinna biex, permezz ta' din il-laqgħa tagħna mal-Kelma tiegħek, noffru sostenn lil xulxin b'imħabba u b'sens ta' qadi qaddis, biex hekk nissaħħu fir-rabta tagħna fis-Sagrament taż-Żwieġ. **Ammen.**

# Talba tal-Għeluq

**Saċerdot:** Ħuti, nitolbu lill-Mulej Alla jbierek din il-laqgħa li għamilna fil-preżenza tiegħu. Ninġabru quddiem Alla, li bierek l-għaqda tagħkom fis-Sagrament taż-Żwieġ, biex b'fiduċja sħiħa nitolbuh dak li nixtiequ għall-familja tagħna u tal-oħrajn.

**Koppja Mexxejja:** Nitolbu għall-familji tagħna.

**Kulħadd:** Mulej, aħna nikkonsagrawlek l-imħabba tagħna lejn xulxin u lejn uliedna u nitolbuk li ssaltan dejjem f'kull membru tal-familja tagħna u tieqaf magħna f'kulma nagħmlu u ngħidu biex, kif aħna magħqudin flimkien f'din l-art ninġabru lkoll miegħek fid-dar tiegħek tas-sema.
*(Niftakru f'dawk li nixtiequ nitolbu għalihom)*

**Koppja Mexxejja:** Nitolbu għall-familji ta' ħutna.

**Kulħadd:** Mulej, nitolbuk ukoll għall-familji kollha ta' din il-parroċċa u tad-dinja kollha; saħħaħ l-għaqda fl-imħabba fost il-miżżewġin; ieqaf mat-tfal u ż-żgħażagħ; kun il-qawwa tal-foqra, il-faraġ tar-romol u Missier il-bnedmin kollha.
*(Inżommu id f'id u ngħidu flimkien il-Missierna)*

**Saċerdot:** Iberikna l-Mulej u jħarisna! Jixħet id-dija ta' wiċċu fuqna u jurina l-ħniena! Iħares lejna l-Mulej b'imħabba u jagħtina s-sliem! Fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

**Ammen.**



PERSONAL | BUSINESS | INVESTMENTS

# PERSONAL BANKING THAT'S TRULY PERSONAL

Personal banking is all about taking the time to understand every customer's specific needs. **Contact any member of our team today to truly experience personal banking.**

facebook.com/apsbank

2122 6644 | apsbank.com.mt | values you can bank on | APS

APS Bank Ltd is licensed by the Malta Financial Services Authority to undertake the business of Banking and to conduct Investment Services business, and is enrolled in the Tied Insurance Intermediaries List under the Insurance Intermediaries Act 2006.